



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0400/2011

24.11.2011

RAPPORT

dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat
(2011/2157(INI))

Komitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteurs: Marek Siwiec u Mário David

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP	26
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	29
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	33
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA	38
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI	43
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI.....	47
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	52
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI	55
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	58

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (2011/2157(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjonijiet Konġunti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Mejju 2011 dwar Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni (COM(2011)0303) u tat-8 ta' Marzu 2011 dwar Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Komuni fin-Nofsinhar tal-Mediterran (COM(2011)0200),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2003 dwar Ewropa Estiża – Viċinat: Qafas Ġdid għar-Relazzjonijiet mal-Ġirien tagħna tal-Lvant u tan-Nofsinhar (COM(2003)0104), tat-12 ta' Mejju 2004 dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat - Dokument ta' Strateġija (COM(2004)0373), tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar it-Tishiĥ tal-PEV (COM(2006)0726), tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar Politika Ewropea tal-Viċinat b'Saħħitha (COM(2007)0774), tat-3 ta' Diċembru 2008 dwar is-Sħubija tal-Lvant (COM(2008)0823), tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran (COM(2008)0319) u tat-12 ta' Mejju 2010 dwar Analiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (COM(2010)0207) u tal-24 ta' Mejju 2011 dwar 'Djalogu dwar il-migrazzjoni, il-mobilità u s-sigurtà mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran' (COM(2011)0292),
- wara li kkunsidra l-iżvilupp tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) mill-2004, u b'mod partikolari r-rapporti ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tagħha,
- wara li kkunsidra l-Pjanijiet ta' Azzjoni adottati b'mod konġunt mal-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, l-Awtorità Palestinjana u t-Tuneżija, u mal-Armenja, l-Azerbajġan, il-Ġeorġja u l-Moldova, u l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni mal-Ukraina,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill "Affarijiet Barranin" dwar il-PEV tal-26 ta' Lulju 2010 u tal-20 ta' Ġunju 2011 u l-konklużjonijiet tal-Kumitat "Affarijiet Barranin" (Kummerċ) tas-26 ta' Settembru 2011,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tas-Sħubija tal-Lvant tat-13 ta' Diċembru 2010,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet Konġunti tas-Samit dwar is-Sħubija tal-Lvant ta' Praga fis-7 ta' Mejju 2009 u tas-Samit tas-Sħubija tal-Lvant ta' Varsavja tad-29 u t-30 ta' Settembru 2011,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Barċellona li tistabbilixxi Sħubija Ewro-Mediterranja adottata waqt il-Konferenza Ewro-Mediterranja tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin li saret fis-27 u fit-28 ta' Novembru 1995,
- wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran (UgħM) tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-13 u tal-14 ta' Marzu 2008,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Samit ta' Pariġi għall-Mediterran, li sar f'Pariġi fit-13 ta' Lulju 2008,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk tat-13 ta' Ottubru 2008, li taw l-istatus avvanzat lill-Marokk,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tas-26 ta' Ottubru 2010, li taw l-istatus avvanzat lill-Ġordan,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI)¹,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni bil-Miktub tiegħu Nru 15/2011 tas-27 ta' Settembru 2011 dwar il-ħolqien tal-programmi Ewro-Mediterranji "Erasmus" u "Leonardo da Vinci",
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 13/2010 bit-titolu 'L-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija l-Ġdid (ENPI) ġie varat b'suċċess u qiegħed jilħaq ir-riżultati fil-Kawkasu tan-Nofsinhar (l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja)?',
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/424/PESK tat-18 ta' Lulju 2011 li taħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran² u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/518/PESK tal-25 ta' Awwissu 2011 li taħtar lir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Ġeorgja³,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat – Dimensjoni tal-Lvant u dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat – Dimensjoni tan-Nofsinhar tas-7 ta' April 2011 (B7-0198/2011 u B7-0199/2011),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tad-19 ta' Jannar 2006 dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV)⁴, tal-15 ta' Novembru 2007 dwar it-tishiġ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat⁵, tas-6 ta' Lulju 2006 dwar l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI)⁶, tal-5 ta' Ġunju 2008 dwar ir-rapport annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti prinċipali u l-orjentazzjonijiet tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK)⁷, tad-19 ta' Frar 2009 dwar ir-reviżjoni tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Shubija⁸, tad-19 ta' Frar 2009 dwar il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran⁹, tas-

¹ ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.

² ĠU L 188, 19.7.2011

³ ĠU L 211, 27.8.2011

⁴ ĠU C 287 E, 19.1.2006, p. 312.

⁵ ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 443.

⁶ ĠU C 303 E, 13.12.2006, p. 760.

⁷ ĠU C 285 E, 26.11.2009, p. 11.

⁸ ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 83.

⁹ ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 76.

17 ta' Jannar 2008 dwar Approċċ Politiku Reġjonali għall-Baħar l-Iswed¹, tal-20 ta' Jannar 2011 dwar Strateġija tal-UE għall-Baħar l-Iswed², tal-20 ta' Mejju 2010 dwar l-Unjoni għall-Mediterran³, tal-20 ta' Mejju 2010 dwar il-ħtieġa ta' strateġija Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar⁴, tad-9 ta' Settembru 2010 dwar is-sitwazzjoni tax-Xmara Ġordan b'attenzjoni speċjali għall-inħawi tal-medda ta' isfel tax-Xmara Ġordan⁵, tat-3 ta' Frar 2011 dwar is-sitwazzjoni fit-Tuneżija⁶, tas-17 ta' Frar 2011 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu⁷, tal-10 ta' Marzu 2011 dwar il-Viċinat tan-Nofsinhar, u l-Libja b'mod partikolari, inklużi l-aspetti umanitarji⁸ u tas-7 ta' Lulju 2011 dwar is-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn fil-kuntest tas-sitwazzjoni fid-dinja Għarbija u fl-Afrika ta' Fuq, tal-15 ta' Settembru 2011 u tal-20 Jannar 2011 dwar is-sitwazzjoni fil-Bjelorussja u fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Bjelorussja, u tal-15 ta' Settembru 2011 dwar is-sitwazzjoni fil-Libja⁹ u dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja¹⁰,

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-kumitati tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran (AP-UgħM) fis-seba' sessjoni plenarja tagħha li saret f'Ruma fit-3 u l-4 ta' Marzu 2011,
- wara li kkunsidra l-Att Kostitwenti tal-Assemblea Parlamentari bejn l-UE u l-Viċinat tal-Lvant (EURONEST) tat-3 ta' Mejju 2011,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-sessjoni inawgurati tal-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja (ARLEM), li saret f'Barcellona fil-21 ta' Jannar 2010,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar id-dimensjonijiet kulturali tal-azzjonijiet esterni tal-UE (2010/2161(INI))¹¹,
- wara li kkunsidra l-aġenda Ewropea għal kultura f'dinja li qed tiġi gglobalizzata (COM(2007)0242),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-

¹ ĠU C 41 E, 19.2.2009, p. 64.

² Testi adottati, P7_TA(2011)0025.

³ Testi adottati, P7_TA(2010)0192.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2010)0193.

⁵ Testi adottati, P7_TA(2010)0314.

⁶ Testi adottati, P7_TA(2011)0038.

⁷ Testi adottati, P7_TA(2011)0064.

⁸ Testi adottati, P7_TA(2011)0095.

⁹ Testi adottati, P7_TA(2011)0386.

¹⁰ Testi adottati, P7_TA(2011)0387.

¹¹ Testi adottati, P7_TA(2011)0239.

0400/2011),

- A. billi r-rispett għal u l-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem – b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa, tat-tfal u tal-minoranzi – il-ġustizzja u l-istat tad-dritt, il-libertajiet fundamentali – inkluża l-libertà ta' espressjoni, kuxjenza, reliġjon jew twemmin, orjentament sesswali, assoċjazzjoni u l-midja, inkluż l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-internet – it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, tas-sigurtà – inklużi r-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti u r-relazzjonijiet ta' bonviċinat –, l-istabilità demokratika, il-prosperità, id-distribuzzjoni ġusta tal-introjt, tal-ġid u tal-opportunitajiet, il-koeżjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-promozzjoni tal-governanza tajba u ta' żvilupp sostenibbli huma l-prinċipji u l-għanijiet li fuqhom hi msejsa l-UE u li jridu jikkostitwixxu valuri komuni fil-qalba tar-rieżami tal-PEV;
- B. billi hu fl-akbar interess tal-UE li tkun ambizzjuża fil-kooperazzjoni ekonomika u tadotta strateġija reċiprokament vantaġġjuża, responsabbli u flessibbli bbażata fuq l-appoġġ favur it-tranżizzjonijiet demokratiċi u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem filwaqt li titgħallem mill-fallimenti u l-iżbalji ta' politika tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri, partikolarment, fir-rigward tal-approċċ kompjaċenti lejn sistemi awtoritarji tal-viċinat tan-Nofsinhar, li taw tagħlima li l-UE-PEV inġenerali għandha tkun ibbażata fuq il-valuri;
- C. billi, f'din is-sitwazzjoni l-ġdida, ir-relazzjonijiet ma' dawn il-pajjiżi għandha tidħol f'dinamika ġdida li tkun ibbażata fuq kooperazzjoni li tagħti prijorità lid-demokrazija u l-prosperità fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran, u mhux biss is-sigurtà u l-kontroll tal-migrazzjoni;
- D. billi l-Unjoni għall-Mediterran inħolqot bl-għan ambizzjuż li sservi bħala strument permanenti għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-viċinat tan-Nofsinhar, u ssostitwixxiet dak li qabel kien il-Proċess ta' Barċellona sabiex xogħolha jissaħħa u jsir iktar viżibbli,
- E. billi l-kooperazzjoni fil-qafas tal-Assemblea Parlamentari EURONEST għandha l-għan li toħloq effetti pożittivi billi sservi ta' pjattaforma għall-iskambju ta' opinjonijiet, jinstabu pożizzjonijiet komuni dwar l-isfidi globali ta' żminijietna fir-rigward tad-demokrazija, il-politika, l-ekonomija, is-sigurtà tal-enerġija, u l-affarijiet soċjali, u anke biex jissaħħu r-rabtiet bejn il-pajjiżi tar-reġjun u mal-UE;
- F. billi l-Artikolu 49 tat-TUE jistipula li kwalunkwe Stat Ewropew li jirrispetta l-valuri li hija bbażata fuqhom l-UE, partikolarment id-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u li jimpenja ruħu jippromwovihom, jista' japplika sabiex isir membru tal-Unjoni;
- G. billi r-relazzjonijiet imsaħħa jirrikjedu impenn ċar u ppruvat lejn ir-riforma bil-għan li jsir progress tanġibbli fl-ilħuq ta' parametri ta' referenza predefiniti;
- H. billi l-UE għandha tipprovdi lilha nnifisha bi strumenti flessibbli u ffinanzjati kif suppost sabiex jikkorrispondu mal-ambizzjonijiet tagħha u mal-ġrajjet li sehew fir-reġjuni, billi tingħata prijorità lill-aħjar użu tal-istrumenti finanzjarji eżistenti;
- I. billi l-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja jinsabu fil-quċċata tal-isfidi politiċi u soċjali

eżistenti fil-pajjiżi sħab, partikolament fir-rigward tal-problema tal-qgħad; billi huwa fl-interess komuni ta' dawn il-pajjiżi u tal-UE li jitnaqqsu r-rati tal-qgħad fir-reġjun u li l-popli tagħhom ikollhom tama għall-ġejjieni, partikolarment in-nisa, iż-żgħażaġh u l-popolazzjoni rurali;

- J. billi l-appoġġ mogħti mill-Parlament Ewropew għall-ħolqien ta' programmi Ewro-Mediterranji "Erasmus" u "Leonardo da Vinci" permezz tad-Dikjarazzjoni bil-Miktub 15/2011 tas-27 ta' Settembru 2011;
1. Jilqa' l-Komunikazzjonijiet Konġunti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar 'Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni' u 'Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Komuni fin-Nofsinhar tal-Mediterran' u l-approċċ ippreżentat fihom, b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipji tar-responsabilità reċiproka u l-impenn kondiviż għall-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll il-kundizzjonalità u approċċ imfassal speċifikament għall-pajjiżi sħab, il-progress fil-kooperazzjoni multilaterali u subreġjonali, u l-prinċipju li s-soċjetajiet ikkonċernati fil-politika tal-PEV ikomplu jiġu involuti;
 2. Jirrikonoxxi l-aspirazzjonijiet Ewropej u l-għażla Ewropea ta' xi pajjiżi sħab u l-impenn tagħhom biex jibnu demokrazija soda u sostenibbli u jenfasizza li jeħtieġ li tiġi stabbilita relazzjoni ġdida u distinta bejn il-pajjiżi tal-UE u tas-Sħubija tal-Lvant, filwaqt li tiġi appoġġata l-ħidma tagħhom favur il-konsolidament tad-demokraziji u l-ekonomiji tas-swieq sostenibbli;
 3. Jinsisti, madankollu, li għandhom jingħataw inċentivi tanġibbli u kredibbli lill-pajjiżi ġirien biex dawn jinvolvu ruħhom fl-oġettiv komuni li tinbena demokrazija soda, kif ukoll li d-differenzjazzjoni bbażata fuq ir-realtajiet, ir-rendiment u r-risultati politiċi, ekonomiċi u soċjali għandha sseħħ fuq il-bażi ta' kriterji ddefiniti b'mod ċar u parametri ta' referenza li jistgħu jiġu vvalutati u mmonitorjati regolarment għal kull pajjiż sieħeb individwali; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jqisu l-parametri ta' referenza stipulati fil-Komunikazzjoni Konġunta bħala oġettivi li għandhom jinkisbu u li, biex jiġi vvalutat il-progress li sar, dawn l-oġettivi jirrikjedu parametri ta' referenza aktar speċifiċi, li jistgħu jitkejlu aktar, li jistgħu jinkisbu aħjar u li huma marbuta aktar maż-żmien, u l-punt ta' tluq ta' dan huwa differnti għall-viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant; huwa tal-opinjoni li politika orjentata lejn ir-risultati teħtieġ metodoloġija iktar ċara ta' stabbiliment ta' livelli ta' referenza u jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li jinħolqu mekkaniżmu ta' segwitu adegwati għall-valutazzjoni tal-progress tal-pajjiżi PEV; jenfasizza li dan l-approċċ għandu jiġi rifless fl-istruttura tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV u fir-rapporti ta' progress annwali korrispondenti;
 4. Jemmen li r-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat toħloq opportunità għall-UE biex b'mod effettiv tilħaq l-oġettivi tagħha u tirrispetta l-valuri tagħha stipulati fl-Artikoli 2, 3, 6, 8 u 21 tat-TUE;
 5. Jenfasizza li waqt li l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħmel parti mill-qafas tal-prinċipji u l-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni – u għalhekk, f'dan il-każ, parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat – l-Unjoni, madankollu, għandha dejjem l-obbligu konstituzzjonali, abbażi tal-Artikolu 208(1), it-tieni paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tqis l-oġettivi tal-kooperazzjoni

għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni ta' politiki li x'aktarx jolqtu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lis-SEAE jżommu dejjem f'moħħhom dawn l-oġġettivi, li huma t-tnaqqis u, finalment, il-qerda tal-faqar, meta jkunu qed jimplimentaw il-Politika Ewropea tal-Viċinat, u dan kemm fil-pajjiżi sħab tal-viċinat tal-Lvant u kemm fil-pajjiżi sħab tal-viċinat tal-Mediterran;

6. Jappoġġa l-konsolidament fil-PEV ta' politiki tal-UE rigward politika barranija u ta' għajnuna li qabel kienu separati; ifittex netwerk imsaħħaħ ta' arranġamenti istituzzjonali li jkun stabbli, ekonomiku u ddedikat bl-għan li jiżviluppa integrazzjoni ekonomika u assoċjazzjoni politika eqreb fost dawk kollha involuti, inkluż l-allinjament tal-valuri fi ħdan il-fora internazzjonali kollha, speċjalment tan-Nazzjonijiet Uniti, ma' dawk tal-Unjoni Ewropea;

Demokrazija u sħubija fil-fond mas-soċjetajiet

7. Jenfasizza li, għalkemm l-UE ma għandhiex l-intenzjoni li timponi mudell jew riċetta lesta għar-riformi politiċi, il-PEV hi bbażata fuq valuri kondiviżi, is-sjieda konġunta, ir-responsabilità reċiproka u r-rispett u l-impenn lejn id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-ekonomija tas-suq u l-governanza tajba;
8. Jenfasizza l-importanza li sabiex ikun hemm id-demokrazija, jeħtieġ li jiġu stabbiliti organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fosthom is-sħab soċjali, attivi u indipendenti; jenfasizza l-importanza ta' djalogu ma', u l-finanzjament adegwat fl-ambitu tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jisħaq fuq il-fatt li s-sħubija bejn l-UE u l-PEV u s-soċjetajiet ċivili rispettivi għandha tissaħħaħ sabiex din tgħin biex jinbnew demokraziji li jaħdmu, jitrawmu r-riformi u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli; jenfasizza li dawn is-sħubijiet mas-soċjetà ċivili għandhom ikunu inklużivi, li jinkludu b'mod partikolari r-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tan-nisa u l-gruppi ta' minoranza; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jagħtu sostenn lill-parlamenti, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili fl-isforzi tagħhom biex jiżvolgħu rwol xieraq fid-definizzjoni tal-istrateġiji tal-PEV, biex iżommu lill-gvernijiet responsabbli għal dak li jagħmlu, jissorveljaw u jevalwaw ir-rendiment tal-passat u r-riżultati li nkisbu;
9. Jisħaq fuq l-importanza li tinbena sħubija mas-soċjetajiet ċivili bħala mezz li bih jiġu promossi l-bidla u d-demokratizzazzjoni; f'dan il-kuntest, jieħu nota tal-allokkazzjoni ta' EUR 22 miljun għall-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili għall-perjodu 2011-2013 u jistenna ħerqan li l-faċilità tiġi ffinanzjata aktar sostanzjalment fil-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jispjegaw aħjar l-kamp ta' applikazzjoni u l-oġġettiv ta' Faċilità tas-Soċjetà Ċivili potenzjali u jitlob li jkun hemm kjarifika akbar tal-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili f'termini tal-kumplimentarjetajiet mal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) u l-ENPI; josserva li l-istrumenti għandhom ukoll jiġu identifikati biex b'mod konkret jappoġġaw lill-minoranzi reliġjużi u etniċi fl-oqsma koperti mill-inizjattiva; jirrakkomanda li tintuża din il-faċilità sabiex jitjieb ix-xogħol tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili fis-Sħubija tal-Lvant u biex potenzjalment jinbena forum anke għall-pajjiżi sħab tan-Nofsinhar;

10. Jilqa' l-proposta għal Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija (EED), li hi reazzjoni f'waqtha għall-għajta għad-demokrazija mill-popolazzjonijiet tal-pajjiżi ġirien tagħna; jenfasizza li din għandha tkun mekkaniżmu flessibbli, veloċi u mmirat għas-sostenn u għandha tikkomplementa l-istrumenti tal-UE li diġà jeżistu u l-ħidma eżemplari tal-fundazzjonijiet Ewropej, politiċi jew mhux, li ilhom jeżistu, filwaqt li jiġi kkunsidrat li riżultati tanġibbli għandhom ikunu objettiv ta' din l-inizjattiva; jinsisti sabiex din id-Dotazzjoni ma tkunx ta' xkiel, u lanqas ma tikkawża xogħol doppju mal-azzjonijiet li diġà nbdew minn dawn il-fundazzjonijiet jew fil-qafas tal-programmi Ewropej eżistenti, bħall-EIDHR; jisħaq fuq il-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni u l-organizzazzjoni tagħha għandhom ikunu definiti b'mod ċar u li l-istrutturi u l-proċeduri tagħha għandhom ikunu ħfief u mingħajr kumplikazzjonijiet; jistieden lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lill-Presidenza (Pollakka) jippreżentaw demarkazzjoni ċara tal-kompetenzi ta' EED futura fir-rigward ta' dawn l-istrumenti u oqfsa; jinsisti fuq dritt ta' skrutinju u jitlob biex ikun hemm l-involvement tal-Parlament Ewropew fl-istruttura ta' governanza tiegħu, sabiex jgħin biex jiġu stabbiliti l-għanijiet, il-prijoritajiet, ir-riżultati mistennija, u l-allokazzjonijiet finanzjarji annwali f'termini wiesgħa u sabiex ikun parti mis-sorveljanza tal-attivitajiet; jesprimi tħassib dwar il-fatt li dan il-fond futur jista' jiġi ffinanzjat, kollu kemm hu jew parti minnu, barra mill-baġit tal-UE u jafferma mill-ġdid id-dritt ta' monitoraġġ u skrutinju tal-awtorità baġitarja fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-fond; jitlob, għalhekk, kjarifika mill-Kummissjoni u mill-Kunsill fuq din il-kwistjoni;
11. Jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jkomplu jħeġġu kull tip ta' riforma politika, billi jżommu f'moħħhom il-ħtiġijiet u l-livell ta' żvilupp ekonomiku u soċjali ta' kull pajjiż sieħeb, fil-qafas tal-approċċ ġdid tagħhom ibbażat fuq il-rendimenti 'aktar għal aktar'; jistidinhom jipprovdu metodoloġija ċara u adegwata u parametri ta' referenza dettaljati biex jiġu vvalutati ir-riżultati tal-pajjiżi PEV dwar l-osservanza u l-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem (li tinkludi b'mod partikolari l-libertà tal-kelma, tal-kuxjenza, tar-reliġjon, tal-assoċjazzjoni u tal-midja) u jiġu pprovduti rapporti regolari f'biżżejjed dettall, li għandhom ikunu l-bażi għall-allokazzjoni tal-fondi skont l-approċċ il-ġdid 'aktar għal aktar' ibbażat fuq ir-rendiment; jitlob li dawn l-evalwazzjonijiet li jiġu inklużi fir-rapporti tal-progress tal-PEV u kull sena jiġu ppreżentati lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tiegħu; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu sistematikament inklużi fl-istadji kollha tal-proċess ta' rieżami; huwa tal-fehma li dan l-approċċ ibbażat fuq ir-rendiment ifisser ukoll 'anqas għal anqas' u jtenni t-talba tiegħu biex tiġi implimentata l-Klawżola tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Demokrazija fil-ftehimiet tal-UE mal-pajjiżi terzi;
12. Jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jiprovdu aktar informazzjoni dwar il-mod kif jiġi implimentat il-prinċipju ta' responsabilità reċiproka;
13. Jikkunsidra li s-sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu mmonitorjati kontinwament – b'rigward partikolari għad-drittijiet tat-tfal, tan-nisa u tal-minoranzi – u djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem jitwettqu mal-pajjiżi sħab kollha u li valutazzjoni annwali tas-sitwazzjoni u anke r-riżultati tad-djalogi għandhom jiġu inklużi fl-anness għar-rapport ta' progress annwali ta' kull pajjiż sieħeb b'mekkaniżmu ċar biex il-kooperazzjoni bilaterali terġa' tiġi eżaminata u progressivament imrażżna jekk jiġi kkonfermat il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li l-approċċ lejn diversi pajjiżi sħab fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom trid tkun kredibbli;

14. Jistieden lill-KE u lill-Istati Membri jikkonċentraw il-kooperazzjoni tagħhom fil-PEV fuq il-ġemellaġġ ta' atturi demokratiċi tal-UE bħat-trade unions, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet rilevanti ta' min iħaddem, il-bdiewa, in-nisa, il-parteċipanti fid-djalogu reliġjuż, il-konsumaturi, iż-żgħażaġħ, il-ġurnalisti, l-ġhalliema, il-korpi tal-gvern lokali, l-universitajiet, l-istudenti, l-atturi tat-tibdil fil-klima u l-kontrapartijiet emerġenti tagħhom fil-pajjiżi tal-PEV;
15. Jenfasizza li l-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-midja u l-pluraliżmu huma l-bażijiet ta' demokrazija soda u sostenibbli u ta' valuri komuni; jenfasizza l-importanza li jkun hemm servizzi tal-midja pubblika indipendenti, sostenibbli u responsabbli, biex jipprovdu kontenut ta' kwalità, pluralistiku u divers, filwaqt li jiġi mfakkar li midja pubblika libera u indipendenti dejjem tiżvolġi rwol kruċjali fir-rigward tal-appfondiment tad-demokrazija, fil-massimizzazzjoni tal-involviment tas-soċjetà ċivili fl-affarijiet pubbliċi u fl-ġhoti tad-drittijiet għad-demokrazija liċ-ċittadini;
16. Jappoġġa bis-sħiħ u jitlob iċ-ċirkolazzjoni libera tal-informazzjoni, kundizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-ġurnalisti jkunu jistgħu jaħdmu b'mod effikaċi u ħieles mingħajr pressjoni politika, ekonomika jew xi tip ieħor ta' pressjoni, u l-bini ta' infrastruttura li tippermetti li tiġi żviluppata t-teknoloġija elettronika moderna; jilqa' d-dikjarazzjoni tal-aċċess għall-internet bħala dritt tal-bniedem min-NU fis-6 ta' Ġunju 2011; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Kummissjoni joħolqu għodod speċjali bl-għan li jgħinu biex is-soċjetajiet ċivili, l-organizzazzjonijiet u l-individwi fil-pajjiżi tal-PEV ikollhom aċċess bla xkiel għall-internet u għal forom oħra ta' teknoloġiji tal-komunikazzjonijiet elettroniki;
17. Jenfasizza li fil-proċessi li għaddejjin bħalissa tat-tranżizzjonijiet demokratiċi fil-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija, il-parteċipazzjoni tan-nisa, taż-żgħażaġħ kif ukoll tas-soċjetà ċivili u l-funzjonament ta' midja libera u indipendenti se jkunu kruċjali u jħeġġeġ lill-UE żżid l-appoġġ għat-taħriġ u l-organizzazzjoni ta' dawn l-atturi, inkluż billi tistedinhom josservaw l-elezzjonijiet u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi fl-UE;
18. Jappoġġa l-identifikazzjoni tal-osservanza sħiħa u effikaċi tad-dritt tal-libertà ta' reliġjon (fid-dimensjoni individwali, kollettiva, pubblika, privata u istituzzjonali) bħala prijorità, b'mod partikolari fir-rigward tal-minoranzi reliġjużi li hemm fir-reġjun, u għalhekk il-ħtieġa ta' għajjnuna konkreta lil gruppi bħal dawn;
19. Jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza li jiġu promossi d-drittijiet tat-tfal u li tiġi żgurata l-protezzjoni tat-tfal, kif stipulat fit-Trattat ta' Lisbona;
20. Jinkoraġġixxi l-appoġġ tal-iżvilupp ta' partiti politiċi orjentati lejn id-demokrazija f'dawk il-pajjiżi li għadhom qed jitħabtu biex ikollhom id-demokrazija, kif ukoll il-ħolqien ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
21. Jenfasizza l-importanza li n-nisa jiġu rrappreżentati sew fil-parlament, fil-ministeri, fl-ogħla karigi tal-gvern, fil-karigi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet fl-amministrazzjoni pubblika u f'dik lokali u fit-tmexxija tal-kumpaniji pubbliċi; jinkoraġġixxi lill-pajjiżi sħab tal-PEV jadottaw u jintegraw politiki dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u biex jadottaw pjanijiet ta' azzjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi;
22. Jilqa' l-ħidma tal-Grupp Konsultattiv tal-UE ta' Livell Għoli tar-Repubblika tal-Armenja u

t-tnedija ta' grupp simili fil-Moldova; jinkoraġġixxi lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni joffru tali għajjnuna lill-pajjiż kollha tas-Sħubija tal-Lvant filwaqt li jiżguraw, bħal fil-każ tal-Armenja, li tiġi koperta d-dimensjoni parlamentari; jitlob li jkun hemm l-aġġornament ta' dan l-istrument tal-UE u jirrakkomanda li s-SEAE tkun inkarigata direttament mir-reklutaġġ u anke mill-ġestjoni tal-konsulenti sabiex jiġi garantit l-aktar trasferiment xieraq tal-għarfien tal-UE lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;

23. Jitlob lill-KE żżid il-viżibilità tal-proġetti tas-Sħubija tal-Lvant u dawk tal-UgħM fil-pajjiżi sħab u biex tagħmilhom aktar faċli biex iċ-ċittadini tagħhom jifhmuhom filwaqt li turi l-valur miżjud tal-kooperazzjoni mal-UE;
24. Jerġa' jfakkar li l-impenn tal-UE flimkien mal-ġirien tagħha għandu jkun ikkundizzjonat mill-progress demokratiku u l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom; jistieden għalhekk lill-komunità internazzjonali tiffriża l-għajjnuna finanzjarja tagħha, kif ukoll dik tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali li jagħmlu parti minnha l-membri, lis-sistema Bjelorusa sakemm il-kapijiet, il-ġurnalisti, il-kandidati presidenzjali u s-sostenituri tagħhom li ġew miżmuma jew arrestati jiġu rilaxxati u liberati mill-akkużi u riabilitati;
25. Japprova l-approċċ uffiċjali attwali tal-UE li jiġu ssanzjonati l-awtoritajiet Bjelorusi, filwaqt li jsiru sforzi biex jissaħħu r-rabtiet mas-soċjetà ċivili u n-nies fil-Bjelorussja; f'dan ir-rigward, ihegġegħ lill-Unjoni Ewropea terġa' torjenta ruħha lejn is-soċjetà u żżid l-assistenza tagħha favur il-Bjelorussja sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet tal-popolazzjoni, jissaħħaħ l-appoġġ finanzjarju u tekniku lill-oppożizzjoni demokratika, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili inkluż dawk li mhumiex reġistrati, u anke lil studenti u lill-midja libera;

Żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli

26. Jisħaq fuq il-fatt li d-demokrazija sostenibbli, istituzzjonijiet li jiffunzjonaw u li tkun tneħħitilhom il-burokrazija żejda, l-istat tad-dritt u l-edukazzjoni ta' kwalità, mhux biss jippromwovu l-istabilità politika, s-sigurtà soċjali u l-koeżjoni imma jqanqlu wkoll it-tkabbir ekonomiku billi jtejbu l-ambjent kummerjali u jiġbdu l-investment, jippermettu li jinbtu impriżi zġhar u ta' daqs medju ġodda u jrawmu l-kummerċ, l-ekonomija ħadra u t-turiżmu, u dan kollu jiġġenera impjiegi ġodda u opportunitajiet ġodda; ifakkar fil-ħtieġa li jinħoloq qafas adegwat għall-investimenti li fih l-istabilità u s-sigurtà ġuridika kif ukoll il-ġlieda kontra l-korruzzjoni jokkupaw post fundamentali; jistieden, għaldaqstant, lill-Unjoni Ewropea tneġġegħ, fil-qafas tal-arranġament tat-tranżizzjonijiet demokratiċi tagħha, riformi strutturali fl-oqfsa ekonomiċi, soċjali u ġuridiċi u jiġbed l-attenzjoni b'mod espliċitu għar-rabta mill-qrib li hemm bejn l-iżvilupp demokratiku u dak soċjoekonomiku; jilqa' favorevolment l-inizjattivi emblematiċi tal-Kummissjoni dwar l-SMEs u dwar is-swieq reġjonali tal-enerġija u l-effiċenza enerġetika; jemmen li dawn l-isforzi għandhom ikunu riflessi fil-qafas finanzjarju multiannwali (MFF);
27. Jisħaq fuq il-fatt li għandhom jitwettqu minnufih miżuri immedjati, bħall-kofinanzjament tal-proġetti emblematiċi jew il-proġetti pilota diġà identifikati jew proġetti ekonomiċi konkreti oħra ta' importanza strateġika, li jistgħu jiġu implimentati rapidament fuq il-post, b'riżultati tanġibbli li ma jistgħux jiġu ddubitati, biex tittaffa s-sitwazzjoni tal-pajjiżi li

attwalment qed jaffaċċjaw kriżijiet soċjoekonomiċi sinifikanti, filwaqt li jiġu kkunsidrati b'mod speċjali l-pajjiżi sħab fejn it-tranżizzjoni demokratika taggrava d-diffikultajiet ekonomiċi; jenfasizza li miżuri bħal dawn iffinanzjati mill-UE għandhom jittieħdu biss bil-kundizzjoni li l-partijiet involuti kollha jimpenjaw ruħhom li fil-każ speċifiku rispettiv tagħhom jissodisfaw, b'mod li jista' jiġi kkontrollat, l-istandards soċjali, ambjentali u tax-xogħol li jkunu applikabbli fuq livell internazzjonali u fl-UE u li dawn il-miżuri jservu għat-titjib immedjat tal-qagħda soċjali taċ-ċittadini fl-istati tal-PEV;

28. Jappoġġa bil-qawwa l-promozzjoni tal-kooperazzjoni subreġjonali u proġetti transfruntieri u jišhaq fuq l-importanza li tiġi żviluppata kooperazzjoni ekonomika kumplementari bilaterali u multilaterali bejn is-sħab, li għib magħha benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini u ttejjeb il-klima politika fir-reġjun; jenfasizza li din il-kooperazzjoni ekonomika subreġjonali għandha tiġi inkluża fi proġett ta' integrazzjoni usa' li jiffavorixxi l-implimentazzjoni ta' proġetti subreġjonali fl-oqsma tal-mobilità, il-protezzjoni soċjali u ambjentali, il-kultura u l-edukazzjoni; jinsisti b'mod partikolari fuq l-importanza li jitħeġġu l-iżvilupp tal-kummerċ 'Nofsinhar-Nofsinhar' u 'Lvant-Lvant' u l-integrazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn il-pajjiżi kkonċernati; iqis li t-titjib f'tali kooperazzjoni fost il-pajjiżi sħab ikun sinjal ta' kooperazzjoni favur il-valuri Ewropej ta' relazzjonijiet ta' bonviċinat u sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku;
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġa l-bini tal-kapaċità amministrattiva fl-impjeg u fl-affarijiet soċjali, b'attenzjoni speċjali għall-bini tal-kapaċitajiet fis-servizzi ġuridiċi, li se jiggerantixxu tħejjija aħjar għat-tmexxija tar-riformi;
30. Jenfasizza l-importanza tat-trade unions u tad-djalogu soċjali bħala parti mill-iżvilupp demokratiku tal-pajjiżi sħab tal-PEV; ihegghiġhom isaħħu d-drittijiet tax-xogħol u tat-trade unions; jinnota r-rwol importanti li jista' jkollu d-djalogu soċjali fir-rigward tal-isfidi soċjoekonomiċi fir-reġjuni;
31. Itenni l-bżonn ta' garanzija li l-paga minima ffissata skont il-prassi nazzjonali tippermetti lill-ħaddiema u lill-familji rispettivi tagħhom jgħixu f'kundizzjonijiet adegwati u li t-tnaqqis mill-pagi ma jċaħħadx lill-impjegati u d-dipendenti tagħhom mill-mezzi stess ta' sussistenza;
32. Josserva li l-avviżi tat-temm ta' impjeg għandhom ikunu kkomunikati adegwament minn qabel, billi titqies l-anzjanità fis-servizz tal-impjegat;
33. Jenfasizza li l-Unjoni għandha tagħti importanza speċjali lill-kooperazzjoni deċentralizzata, fil-livell lokali, li tikkonsisti fi proġetti żgħar li jtejbu minnufih u b'mod tanġibbli l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-pajjiżi ġirien, u b'hekk jiġi ffaċilitat ukoll il-konsolidament tal-progress demokratiku fit-territorju kollu ta' dawn il-pajjiżi;
34. Jistieden lill-Kummissjoni tħaddan id-Dokumenti ta' Strateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar (PRSP) bħala qafas politiku ta' gwida għal tkabbir ekonomiku fit-terminu medju favur il-fqar u d-distribuzzjoni ġusta tal-ġid skont il-bżonnijiet tal-pajjiż;

Ftehimiet ta' assoċjazzjoni

35. Jenfasizza l-opportunità li jipprovdu n-negozjati dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni biex jagħtu spinta lir-riformi; jišhaq fuq il-fatt li l-komponenti kollha għandhom ikunu marbutin bejniethom sabiex l-UE tkun tista' tipprofondixxi r-relazzjoni tagħha b'mod olistiku u koerenti; jemmen li għaldaqstant għandhom jinkludu kundizzjonijiet konkreti, kalendarji u parametri ta' referenza għar-rendiment li għandhom jiġu mmonitorjati b'mod regolari; jenfasizza l-hteġa li f'dawn il-ftehimiet jiġu inklużi inċentivi reali u tanġibbli għall-pajjiżi sħab biex jagħmlu t-triq ta' riforma aktar attraenti;
36. Jiddikjara li d-differenzjazzjoni għandha tiġi applikata għall-kummerċ fil-prodotti u s-servizzi, jistieden lill-pajjiżi sħab tal-PEV javvanzaw fil-ħolqien tal-kundizzjonijiet li jippermettu l-ħolqien ta' Żoni ta' Kummerċ Ħieles Profondi u Komprensivi (DCFTAs) u jstieden lill-UE tassistihom fl-isforzi ta' riforma tagħhom u tiftaħ is-suq intern tagħha, suġġett għall-allinjament meħtieġ tal-ispeċifikazzjonijiet ta' sikurezza u ta' kwalità għall-istandards Ewropej, u twestaq flimkien magħhom proċess ta' ftuħ gradwali u bbilanċjat tas-swieq tagħhom li minnu jibbenefikaw b'mod reċiproku; jenfasizza li l-UE għandha tivvaluta wkoll iċ-ċirkostanzi politiċi, soċjali u ambjentali ta' kull pajjiż b'referenza għas-sehem tagħhom fid-DCFTA tal-ġejjieni u eventwalment jiġu ddefiniti l-passi gradwali għall-implimentazzjoni tagħha, filwaqt li jiġi żgurat li l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar il-liġijiet tax-xogħol u t-tħaddim tat-tfal jiġu ssorveljati; jenfasizza li r-rabtiet kummerċjali, speċjalment id-DCFTAs, għandhom jitqiesu, permezz tar-rekwiżiti tagħhom, bħala mezz biex isaħħu l-impenn favur il-valuri demokratiċi tal-pajjiżi PEV, bħala parti tal-prinċipju tal-kundizzjonalità; jappoġġa b'mod parallel is-sħubija sħiħa fid-WTO tal-istati kollha tas-Sħubija tal-Lvant;
37. Josseva li perspettiva Ewropea li tinkludi l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-aspirazzjonijiet ta' adeżjoni tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant skont l-Artikolu 48 tat-TUE, tikkostitwixxi xprun għar-riformi f'dawn il-pajjiżi u tkompli ssaħħa l-impenn tagħhom favur valuri u prinċipji kondiviżi bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u tal-governanza tajba; jemmen li l-konklużjoni ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni tista' tkun pass importanti lejn impenn politiku ulterjuri u relazzjoni aktar b'saħħitha mal-Ewropa, permezz tal-iskambju ta' Prattiki tajbin u djalogu politiku u ekonomiku konsolidat;
38. Itenni li l-għan tas-sħubija tan-Nofsinhar huwa li jqarrreb iż-żewġt ixtut tal-Mediterran biex tinbena żona ta' paċi, demokrazija, sigurtà u prosperità għat-800 miljun abitant, u biex jiġi offrut qafas bilaterali u multilaterali effikaċi għall-UE u l-pajjiżi sħab tagħha biex jintlaqgħu l-isfidi demokratiċi, soċjali u ekonomiċi, tiġi promossa l-integrazzjoni reġjonali, b'mod partikolari dik kummerċjali, u biex jiġi żgurat il-kożvilupp tagħhom għall-benefiċċju ta' kulħadd, jiġu assistiti l-pajjiżi sħab fl-istabbiliment ta' stati demokratiċi, pluralistiċi u sekulari, jiġifieri permezz ta' programmi ta' bini tal-kapaċità istituzzjonali, kif ukoll biex jiżviluppaw arranġamenti kummerċjali ta' benefiċċju reċiproku u ambizzjużi li jistgħu jwasslu għal DCFTAs, li żgur jirrappreżentaw l-ewwel pass lejn 'Spazju Ekonomiku Ewro-Mediterranju' kbir li jgħin ukoll fit-taffija tal-problemi ekonomiċi tas-sħab ġirien tagħna fin-Nofsinhar u jiffaċilita l-integrazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tas-sitt pakketti ta' miżuri ppreżentati fid-dokument tal-Kummissjoni dwar is-segwitu tal-inizjattivi fir-rigward tal-kummerċ u tal-investiment għall-benefiċċju tas-sħubijiet tan-Nofsinhar tal-Mediterran tat-30 ta' Marzu 2011;

39. Jixtieq li jkun hemm definizzjoni ta' kriterji oġġettivi u vinkolanti li jippermettu li s-sistema tingħata 'status avanzat'; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkjarifikati d-drittijiet u d-dmirijiet li jirriżultaw minn dan l-impenn bilaterali għall-pajjiżi sħab l-istess bħalma għandu jiġri għall-Unjoni Ewropea;
40. Jenfasizza li r-relazzjonijiet kuntrattwali mal-pajjiżi kollha tal-PEV ikunu jinkludu dispożizzjonijiet dwar forum regolari sabiex jiġu trattati kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, liema forum jieħu l-forma ta' sottokomitati għad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lis-SEAE jagħmel l-aħjar użu minn dawn id-dispożizzjonijiet u jinvolvi lis-sottokomitati eżistenti fi kwalunkwe negozjat;

Kooperazzjoni settorjali

41. Jisħaq fuq il-fatt li l-UE għandha trawwem is-sinerġiji bejn il-politiki esterni u interni Ewropej, b'mod partikolari permezz tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni mmirata lejn il-ħolqien tal-impjiegi, it-tnaqqis tal-faqar, il-modernizzazzjoni tal-politiki tax-xogħol, is-sigurtà u l-effiċjenza enerġetika, l-iżvilupp ta' sorsi rinnovabbli u tas-sostenibilità ambjentali, it-titjib tal-protezzjoni soċjali, il-ħolqien tal-ġid u l-ġustizzja u l-iffaċilitar tal-kummerċ abbażi tal-prinċipju ta' diversifikazzjoni;
42. Jemmen li l-iskambju ta' spazju komuni jimplika skambju ġust tar-responsabilitajiet u jappella għal kooperazzjoni aħjar, b'mod partikolari fir-rigward tal-politiki u l-kwistjonijiet kollha li għandhom dimensjoni transkonfinali; jappella, għaldaqstant, għal tisħiħ tad-dimensjonijiet reġionali u transkonfinali tal-kooperazzjoni settorjali;
43. Jilqa' ż-żieda fl-interazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-aġenziji tal-UE f'diversi oqsma, jistieden lill-Kummissjoni tressaq lista ċara u komprensiva ta' aġenziji u programmi rilevanti li fihom jistgħu jipparteċipaw il-pajjiżi ġirien, flimkien ma' ħarsa ġenerali tal-forma, il-kontribuzzjoni finanzjarja u l-metodu ta' tali parteċipazzjoni differenzjata;
44. Jappoġġa kooperazzjoni ulterjuri f'setturi bħalma huma l-industrija, l-SMEs, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluża is-sigurtà tas-sistemi tal-teknoloġija tal-informazzjoni, l-ispazju u t-turiżmu u jenfasizza l-benefiċċji ta' inizzjattivi konġunti dwar programmazzjoni ta' riċerka mill-UE u l-ġirien tagħha; jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' spazju komuni tal-ġarfien u l-innovazzjoni u ta' ekonomija diġitali bbażata fuq t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi ġirien jafferimaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-progress lejn dan l-iżvilupp; itenni l-importanza ta' mekkaniżmi effikaċi għall-iffaċilitar tal-kummerċ u l-investment bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha sabiex issaħħu s-sħubijiet kummerċjali u jippermettu lill-operaturi ekonomiċi, speċjalment l-SMEs, ikollhom aċċess għal informazzjoni adegwata u affidabbli dwar il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u l-investment fil-pajjiżi ġirien;
45. Jilqa' t-tisħiħ tad-dimensjoni tal-kooperazzjoni fl-enerġija tal-PEV; jenfasizza l-importanza tal-kondiviżjoni tal-esperjenza tal-UE fir-rigward tar-riformi fis-settur tal-enerġija mal-pajjiżi ġirien; iqis neċessarju li jiġu żviluppati l-effiċjenza enerġetika u l-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli; jappella għal sigurtà tal-provvista tal-enerġija permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u l-ġestjoni tad-domanda, impenn akbar mal-

fornituri prinċipali u mal-istati ta' tranżitu u koordinament fir-rigward tal-miżuri ta' sikurezza nukleari, b'mod partikolari fir-reġjuni li huma suxxettibbli għal attività sismika qawwija, flimkien ma' żieda fit-trasparenza sabiex jiġi żgurat li l-konformità sħiħa mal-ftehimiet ambjentali u internazzjonali dwar is-sikurezza nukleari tibqa' prijorità tal-politika tal-enerġija tal-UE u li kemm il-ġirien tal-Lvant kif ukoll dawk tan-Nofsinhar jibqgħu objettiv prinċipali tal-politika koordinata tal-enerġija esterna tal-UE; jitlob li jittieħdu miżuri effikaċi sabiex ikun żgurat li l-prinċipju ta' solidarjetà jiġi applikat fil-qasam tal-enerġija;

46. Jilqa' l-proposta għall-ħolqien ta' Komunità Ewropea tal-Enerġija u jemmen li din tista' tkun pass importanti għall-kooperazzjoni mal-ġirien tagħna; enfasizza l-importanza tar-rwol li għandhom il-pajjiżi ġirien fin-Nofsinhar fil-provvista tal-enerġija ta' diversi Stati Membri; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi l-interkonnessioni Ewro-Mediterranji fis-setturi tal-gass u tal-elettriku; jenfasizza s-sinifikat strateġiku tal-proġett Nabucco u tal-implimentazzjoni rapida tiegħu, kif ukoll tat-trasport tal-gass naturali likwifikat (LNG) skont il-proġett AGRI; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġixxi, anki permezz tal-investment, il-konstruzzjoni, il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp ta' interkonnessionijiet bejn in-netwerks u l-infrastruttura tal-enerġija intelliġenti mal-ġirien tal-UE;
47. Jiġbed l-attenzjoni, barra minn hekk, għar-rwol ta' appoġġ li jista' jkollha l-UE biex tittratta l-problemi ambjentali fil-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari billi jiġu eliminati l-istokkijiet kbar ta' "pestiċidi li ma għadhomx jintużaw", li jistgħu jikkawżaw tniġġis kimiku fuq skala kbira;
48. Jappoġġa aktar kooperazzjoni fis-settur tat-trasport, inkluż billi in-netwerk tal-infrastruttura tal-UE jingħaqquad ma' dak tal-pajjiżi sħab b'mod aktar strett sabiex jiġu ffaċilitati l-iskambji tal-persuni u l-prodotti, li jista' jinkiseb permezz ta' integrazzjoni tas-suq aktar mill-qrib u permezz ta' konnessjonijiet infrastrutturali mtejba;
49. Iqis essenzjali l-kooperazzjoni kulturali fil-livell internazzjonali, reġjonali u interreġjonali bbażata fuq djalogu ġenwin bejn il-kulturi u li tinkludi s-setturi kollha tas-soċjetà (l-awtoritajiet, l-istituzzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet kulturali); jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jikkoordinaw l-użu strateġiku tal-aspetti kulturali tal-politika esterna, billi jfittxu l-kumplimentarjetajiet mal-politiki kulturali esterni tal-Istati Membri;
50. Jerġa' jafferma b'qawwa l-konnessjoni bejn, min-naħa, l-iskambju u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi tal-PEV fl-oqsma tal-kultura, l-edukazzjoni u l-isport u, min-naħa l-oħra, il-bini u t-tiżiħ ta' soċjetà ċivili miftuħa, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u t-tixrid tal-libertajiet fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li l-kooperazzjoni reċiproka f'dawn l-oqsma tikkostitwixxi valur miżjud kemm għall-UE, kif ukoll għall-pajjiżi tal-PEV;
51. Jemmen li t-trawwim tal-parteeċipazzjoni fil-programmi kulturali tal-UE jista' jkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp materjali u mhux materjali tal-pajjiżi tal-PEV, u jenfasizza, għalhekk, l-importanza ta' programmi bħal Media Mundus u ta' proġetti li jitmexxew taħt l-awspiċju tal-Unjoni għall-Mediterran u tal-Programm Kulturali tas-Sħubija tal-Lvant; jirrimarka, barra minn hekk, li l-programmi kulturali u l-programmi li jipromwovu l-mobilità għandhom ukoll ikopru l-mobilità tal-artisti u ta' dawk li qed isegwu studji artistiċi, hu favur l-istabbiliment ta' viża kulturali għall-artisti u għal professjonisti

kulturali oħra mill-pajjiżi tal-PEV; jitlob ukoll lill-Kummissjoni tipproponi inizjattiva fuq il-viżi għal żjara qasira, bil-għan li jitneħħew l-ostakli għall-mobilità fis-settur kulturali;

52. Jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ, fi ħdan il-qafas tal-PEV, tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-isport fil-pajjiżi konċernati, fid-dawl tal-valur edukattiv tal-attivitajiet sportivi; jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri jaħdmu favur il-moviment ħieles tal-atleti fid-dinja, billi jibdeu b'dawk mill-pajjiżi tal-PEV;
53. Iħeġġeġ il-valutazzjoni tal-programmi eżistenti bil-għan li jiġi żgurat l-użu effikaċi tar-riżorsi sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-objettivi tal-UE; jappoġġa r-razzjonalizzazzjoni tal-funzjonijiet interni fi ħdan il-Kummissjoni fir-rigward tal-programmi eżistenti u tal-proġetti differenti fil-qasam tal-kultura u l-edukazzjoni;
54. Jenfasizza l-valur miżjud tal-programm Tempus IV fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni u fit-tfittxija tal-modernizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tal-pajjiżi ġirien tal-UE, u jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ għall-programm għall-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss;
55. Jittama li l-pajjiżi sħab se jkunu involuti b'mod aktar attiv fix-xogħol tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura;
56. Jinnota li t-tisħiħ tad-dimensjoni taż-Żgħażaġħ tas-Sħubija tal-Lvant u l-Unjoni għall-Mediterran huwa investiment importanti fil-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-PEV b'potenzjal kbir għas-snin li ġejjin u fid-demokratizzazzjoni ta' dawk il-pajjiżi sħab u l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħhom ma' standards Ewropej; itenni, li finanzjament addizzjonali allokati għall-Erasmus Mundus u l-programmi Żgħażaġħ Attivi għall-2012 fil-Baġit tal-UE għall-2012 għandu jrawwem kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet edukattivi ogħla, itejjeb l-iskambji tal-persunal akkademiku u l-istudenti, u jibni networks ġodda li jtejbu l-kapaċità tal-NGOs fil-qasam taż-żgħażaġh fl-Ewropa u fil-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;
57. Jemmen li l-Università Ewro-Mediterranja (EMUNI) tipprovdi pjattaforma unika u opportunità għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam ta' edukazzjoni ogħla u l-mobilità tal-istudenti mal-ġirien tan-Nofsinhar tagħna, fi żmien ta' importanza partikolarment vitali li jissaħħu r-relazzjonijiet mal-pajjiżi sħab tan-Nofsinhar, speċjalment mal-ġenerazzjonijiet aktar żgħażaġh tagħhom; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-potenzjal tal-EMUNI għandu jiġi żviluppat kemm jista' jkun;
58. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tilqa' l-proposta tal-Parlament Ewropew, li nħarġet eżatt wara r-Rebbiegħa Għarbija, tistabbilixxi programm Erasmus Ewro-Mediterranju, inizjattiva li jekk tirnexxi tkun tista' tiġi estiża għall-pajjiżi kollha tal-viċinat; jilmonta f'dan l-istadju dwar il-proposti inadegwati tal-Kummissjoni li, minkejja d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni fis-27 ta' Settembru 2011, fil-fatt jipprevedu biss żieda żgħira fin-numru ta' boroż ta' studju Erasmus Mundus;
59. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tilqa' l-proposta tal-Parlament Ewropew, li nħarġet eżatt wara r-Rebbiegħa Għarbija, tistabbilixxi programm Leonardo da Vinci Ewro-Mediterranju intiż li jħeġġeġ il-mobilità fost iż-żgħażaġh li jixtiequ jiksbu taħriġ professjonali barra minn pajjiżhom, u l-għan ta' dan huwa li tingħata għajjnuna fil-ġlieda

kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, fenomenu endemiku fin-Nofsinhar tal-Mediterran;

60. Itenni l-appoġġ kbir tiegħu għall-proġett ta' boroż ta' studju tal-PEV fil-Kulleġġ tal-Ewropa, iffinanzjat mill-UE, li jingħata lill-gradwati tal-università li ġejjin mill-PEV u mill-UE; jemmen li dan se jippermetti l-preparazzjoni tal-interlokuturi futuri Ewropej u dawk tal-pajjiżi tal-viċinat li jiġu familjarizzati b'mod sħiħ u professjonali mas-sustanza u l-ispirtu tal-politiki, il-liġijiet u l-istituzzjonijiet tal-UE, għal impjeġi relatati mal-PEV u l-UE; jistieden lill-pajjiżi sħab, li ċ-ċittadini tagħhom ikunu ngħataw tali borża ta' studju, biex jużaw l-għarfien u l-esperjenza tagħhom billi jimpjegawhom fl-amministrazzjoni nazzjonali u joffruhom kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati;
61. Jisħaq fuq ir-rwol importanti li jiżvolġu l-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp demokratiku tal-pajjiżi sħabna; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni ssaħħaħ u żżid il-programmi TAIEX¹ u ta' ġemellaġġ mal-awtoritajiet lokali fil-pajjiż tal-UE u l-pajjiżi sħab;

Mobilità

62. Ifakkar li l-UE għandha ttejjeb il-ġestjoni u timmassimizza l-benefiċċji reċiproċi tal-migrazzjoni għall-iżvilupp, inter alia billi tipprovdi kundizzjonijiet aħjar għall-istabbiliment ta' migranti legali fl-UE u tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari fil-pajjiżi sħab; jikkunsidra li hemm bżonn li l-UE tiffavorixxi l-migrazzjoni legali tal-ħaddiema billi tikkonkludi sħubijiet għall-mobilità, li jieħdu inkunsiderazzjoni l-bilanċi demografiċi, soċjoloġiċi u professjonali fuq iż-żewġ naħat, u billi tinkoraġġixxi l-iskambji ta' speċjalisti bejn l-UE u pajjiżi terzi; jistieden lill-Istati Membri jħarsu lejn id-dibattitu tal-mobilità bħala element importanti tal-Politika tal-Viċinat li m'għandux ikun immexxi primarjament mill-problemi ta' sigurtà; jenfasizza l-importanza li tiġi evitata l-immigrazzjoni illegali u li jiġu proċessati l-organizzazzjonijiet responsabbli mit-traffikar ta' persuni;
63. Jemmen li l-UE għandha tmexxi 'l quddiem il-ħidma tagħha fuq il-ftehimiet dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi u r-riammissjoni fuq bażi parallel bl-aktar mod trasparenti bil-prospettiva ta' tranżizzjoni – gradwalment u każ b'każ, ladarba jkunu ntlaħqu l-kundizzjonijiet kollha – lejn sistema mingħajr viżi; jitlob ukoll li jidħlu fis-seħħ il-kundizzjonijiet materjali tal-ħruġ u t-tiġdid tal-viżi b'mod li jkunu josservaw iktar id-drittijiet tal-individwu; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-mobilità taż-żgħażaġh u tal-istudenti għandha tiġi trattata bħala prijorità; jenfasizza wkoll li l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant għandhom jibbenefikaw minn offerta privileġġata tal-UE dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża fir-rigward tal-kalendarju u s-sustanza; jenfasizza li d-dispożizzjonijiet dwar l-asil iridu jkunu kompletament konformi mal-obbligi u l-impenji internazzjonali u mal-istandards tal-UE, speċjalment fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;
64. Ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' 'non-refoulement' u jagħmlu kull sforz biex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' sistema ta' asil tal-UE li tkun aċċessibbli, ġusta u protettiva;
65. Jitlob lill-Istati Membri u lill-UE jirratifikaw il-Protokoll kontra t-Traffikar Illegali tal-Migranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru, li jikkumplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet

¹ Strument ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni.

Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali; iqis li r-rieżami tal-PEV għandu jiffaċilita l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi f'dawn l-oqsma; jaqbel mal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tal-migrazzjoni għal raġunijiet ta' familja, u jilqa' l-Green Paper li se toħroġ dwar dan is-suġġett;

66. Jenfasizza l-importanza li tingħata attenzjoni partikolari liż-żgħażaġh, u jenfasizza l-bżonn li jissaħħu s-sinerġiji bejn Żgħażaġħ Attivi u l-PEV; jisħaq fuq il-fatt li l-UE għandha żżid il-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni akkademika u t-taħriġ professjonali, billi minnufih twessa' u żżid il-programmi tal-boroż ta' studju u l-mobilità tal-istudenti, il-gradwati, l-għalliema u l-akkademiċi billi tippromwovi l-iskambji bejn l-edukazzjoni oġhla u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ, flimkien mas-šhubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat fil-qasam tar-riċerka u l-impriżi; iqis li huwa essenzjali li jkun hemm proċeduri aktar flessibbli u rapidi għall-ħruġ tal-viżi għall-parteċipanti f'dawn il-programmi; jenfasizza l-ħtieġa biex jiġi avvanzat ix-xoġhol dwar ir-rikonossiment reċiproku tal-kwalifiki u tas-sistemi edukattivi mal-pajjiżi šhab tal-PEV speċjalment dwar l-approssimazzjoni ta' Diplomi ta' Edukazzjoni Oġhla u standards taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Oġhla; jisħaq fuq il-ħtieġa qawwiya għal politika tal-informazzjoni struttura lejn iċ-ċittadini tal-pajjiżi šhab tal-PEV fir-rigward tal-possibilità ta' parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE;
67. Jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni jistabbilixxu djalogu strutturat mal-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi sabiex jiżviluppaw approċċ favorevoli għal kulħadd favur il-mobilità, jiffaċilitaw il-formalitajiet tal-viżi, jagħmlu aktar użu mill-opportunitajiet li joffri l-Kodiċi dwar il-Viżi tal-UE filwaqt li jtejbu u jarmonizzaw l-applikazzjoni tagħha sabiex jiġu garantiti kundizzjonijiet ugwali u ekwi għall-applikanti fl-Istati Membri kollha, billi jiffukaw b'mod partikolari fuq l-effetti tal-interdipendenza bejn l-għajjnuna għall-iżvilupp, is-sigurtà, il-migrazzjoni regolari u l-migrazzjoni irregolari kif iddefiniti fl-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni; jitlob li tingħata attenzjoni speċjali biex ikun żgurat li l-pajjiżi šhab ma jsofrux minn 'eżodu tal-imħuħ';
68. Jitlob lill-UE ttejjeb l-aċċessibilità u l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE fi proġetti intiżi sabiex il-migranti jiġu informati dwar drittijietom u dmirijietom u jiġu protetti d-drittijiet tagħhom, b'referenza partikolari għad-drittijiet ta' minorenni mhux akkumpanjati, in-nisa u gruppi vulnerabbli oħra; jitlob għaldaqstant lill-Kummissjoni ttiprovdi lill-Parlament b'rapport dettaljat dwar l-użu tal-fondi tal-UE maħsuba għal pajjiżi ġirien, fosthom dawk tal-programm tematiku tal-Kummissjoni għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u tal-asil;

Dimensjoni reġjonali

69. Itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-Politika Ewropea tal-Viċinat mhijiex se tkun totalment effikaċi sakemm ma jkunx hemm sinerġija bejn id-dimensjonijiet bilaterali u multilaterali tagħha; iqis essenzjali, għaldaqstant, li jissaħħaħ l-element multilaterali fil-PEV u li għalih tiġi allokata parti iktar sostanzjali mill-fondi tal-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Šhubija;
70. Jilqa' l-proposta li jintuża l-qafas multilaterali b'mod aktar strateġiku sabiex jiġu avvanzati r-relazzjonijiet bilaterali bejn il-pajjiżi šhab u jistenna li jittieħdu miżuri konkreti maħsuba

biex din il-proposta titqiegħed fil-prattika; jistenna f'dan ir-rigward b'interess kbir il-pjan direzzjonali bl-għanijiet, l-istrumenti u l-azzjonijiet imħabbra mill-HR/VP u l-Kummissjoni sat-tmiem tas-sena;

71. Jemmen li d-dimensjoni multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant għandha tkompli tissaħħaħ u tiġi żviluppata, inkluż il-Forum għas-Soċjetà Ċivili; jinnota l-importanza li jiġi stabbilit dialogu kostruttiv mat-Turkija u r-Russja dwar kwistjonijiet reġjonali ta' interess komuni u partikolarment dwar dak li għandu x'jaqşam mal-kwistjonijiet tas-sigurtà;
72. Jindika li r-rwol tar-reġuni huwa kruċjali biex jiġu żgurati r-riformi soċjali u ekonomiċi fit-tul u biex jiġi garantit l-iżvilupp sostenibbli; jenfasizza li l-PEV għandha titqies b'mod ġenerali sabiex jiġi xprunat l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni li huma fruntiera; iqis li l-prinċipji dwar il-kooperazzjoni territorjali japplikaw ukoll għall-fruntieri esterni u huma għodda kruċjali biex jittejjbu l-iżvilupp ekonomiku tal-UE kif ukoll l-oġettivi tal-politiki ġenerali tal-UE dwar il-PEV; huwa tal-fehma li l-approċċ il-ġdid tal-PEV għandu jippermetti l-istrategġiji makroreġjonali tal-UE u li l-potenzjal tal-makroreġjuni tal-UE li jinkludu l-pajjiżi ġirien tal-UE għandhom jintużaw bis-siġħ sabiex jiġu kkoordinati aħjar il-prijoritajiet u l-proġetti ta' interess komuni għall-pajjiżi tal-UE u tal-PEV ħalli jinkisbu riżultati pożittivi b'mod reċiproku u jiġu ottimizzati r-riżorsi investiti;
73. Jenfasizza r-rwol eċċezzjonali tal-Ewroreġjuni fil-ksib tal-oġettivi tal-politika ta' koeżjoni u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tippromwovi u tgħin l-iżvilupp tagħhom, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntieri, sabiex tingħata spinta lir-rwol tal-Ewroreġjuni fi ħdan il-politika tal-PEV;
74. Jenfasizza l-potenzjal għoli tar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) li jinvolvi reġjuni lil hinn mill-fruntieri esterni; jinkoraġġixxi ftehimiet speċifiċi ma' pajjiżi terzi ġirien fir-rigward tal-introduzzjoni ta' liġijiet nazzjonali li jippermettu strutturi tar-REKT skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom u ftehimiet interstatali li jippermettu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali ta' pajjiżi terzi jipparteċipaw fir-REKT;
75. Iqis li l-PEV futura għandha tqis ir-rwol tar-reġjuni ultraperiferiċi fil-politika tar-relazzjonijiet esterni tal-UE; jinnota li huma jirrappreżentaw opportunità reali biex jinfluwenzaw il-politika esterna tal-UE minħabba li jippermettu lill-UE biex minn naħa jkollha relazzjonijiet aktar fil-qrib ma' numru ikbar ta' pajjiżi terzi u min-naħa l-oħra tindirizza l-kwistjonijiet kumplessi bħalma hi l-migrazzjoni irregolari; jistieden lill-Kummissjoni tipprovi aktar flessibilità fir-rigward ta' opportunitajiet innovattivi ta' finanzjament għall-proġetti magħżula fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni sabiex l-istess proġetti jkunu jistgħu jiġu stabbiliti kemm fir-reġjuni Ewropej u kif ukoll f'dawk tal-pajjiżi terzi u jkunu ta' benefiċċju għalihom;
76. Jenfasizza l-importanza ta' approċċ ġeografiku u strateġiku usa' meta jiġi kkunsidrat il-futur tal-PEV, filwaqt li jfakkar li wara r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2006 dwar il-PEV, l-UE stabbiliet f'Novembru 2007 politiki speċifiċi dwar il-pajjiżi tal-gżejjer tal-Atlantiku li huma ġirien tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE biswit il-kontinent Ewropew, fejn ġie kkonstatat li l-kwistjonijiet speċjali bħall-viċinanza ġeografika, l-affinità kulturali u storika u s-sigurtà reċiproka huma rilevanti; jilqa' l-livell għoli ta' riżultati miksuba u d-dinamiżmu tal-politiki speċifiċi diġà implimentati, jiġifieri s-Sħubija Speċjali bejn l-UE u l-Kap Verde; u jitlob lill-UE tkompli ssaħħaħ id-dialogu

tagħha u l-konverġenza politika ma' dawn il-pajjiżi u tappoġġa l-isforzi tagħhom biex jikkonsolidaw ir-riformi politiki, soċjali u ekonomiċi;

77. Jifhem li d-DĠ tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Reġjonali għandu esperjenza vasta fil-ġestjoni tal-FEŻR u jinsab konvint li jkun fl-interess tal-oġettivi tal-ENPI li jitqies il-parir tad-DĠ Regio fir-rigward tal-ġestjoni tal-fondi; jemmen għaldaqstant li l-ġestjoni ta' dawn l-għodod finanzjarji fir-rigward tal-programmi CBC għandha terġa' tgħaddi f'idejn id-DĠ Regio, li fil-passat kien hu responsabbli minnha;
78. Jilqa' d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Samit tas-Sħubija tal-Lvant ta' Varsavja tat-30 ta' Settembru 2011 kif ukoll id-Dikjarazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Bjelorussja, partikolarment fir-rigward tal-prinċipji tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, l-impenn favur involviment bilaterali aktar fil-fond, kemm ekonomiku kif ukoll politiku, inkluża r-rieda li jkun hemm progress fin-negozjati tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, it-tishiĥ tal-kooperazzjoni multilaterali fost il-pajjiżi sħab u l-iffaċilitar tal-mobilità u l-impenn li ttejjeb l-implimentazzjoni tagħha b'benefiċċji ċari għas-soċjetajiet tal-pajjiżi sħab;
79. Jemmen li t-tishiĥ tas-Sħubija tal-Lvant se jkun element ewlieni għall-iżvilupp tar-reġjuni tal-fruntiera tal-UE; jenfasizza li s-Sħubija tal-Lvant u l-iżvilupp reġjonali għandhom jimxu id f'id u jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali, bħall-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, kif ukoll proġetti konġunti finanzjati b'mod xieraq, bħall-iskambji kulturali u dawk tas-soċjetà ċivili;
80. Jisħaq fuq l-importanza li tkompli titrawwem il-kooperazzjoni reġjonali fl-ispazju tal-Baħar l-Iswed u li tiġi żviluppata aktar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Baħar l-Iswed; jenfasizza l-kumplementarjetà bejn il-politiki tal-Baħar l-Iswed tal-UE u s-Sħubija tal-Lvant; jistieden lill-Kummissjoni u s-SEAE jagħmlu użu tajjeb mill-approċċi li jvarjaw taż-żewġ inizjattivi u biex jikkjarifikaw, fil-livelli kollha, kif dan il-livell sostanzjali ta' kumplementarjetà għandu jintuża b'mod utli;
81. Jenfasizza l-importanza tal-Unjoni għall-Mediterran bħala forum permanenti ta' djalogu u kooperazzjoni u strument għall-promozzjoni tad-demokrazija; iħeġġeġ lill-kopresidenza (li jmiss) tal-Unjoni għall-Mediterran tibqa' impenjata biex jinkisbu l-għanijiet ambizzjużi inizjalment stabbiliti u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effikaċi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fir-reġjun Mediterranju; huwa tal-opinjoni li l-UgħM għandha tippromwovi żvilupp ekonomiku, soċjali u demokratiku b'saħħtu u li għandha toħloq bażi soda u komuni għal kooperazzjoni reġjonali mill-qrib bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha fin-Nofsinhar; jilqa' l-opportunità offruta mill-UgħM għat-tishiĥ tal-komplementarjetà bejn il-politiki bilaterali u l-politiki reġjonali, sabiex l-oġettivi tal-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja jinkisbu b'mod aktar effikaċi, abbażi tar-rikonossiment reċiproku ta' valuri komuni u l-ħolqien ta' spazju ta' paċi, sigurtà u prosperità; jilqa' b'mod partikolari l-impenn tas-Segretarju Ġenerali l-ġdid tal-Unjoni li jaħdem u jippreżenta proġetti tal-UgħM fl-oqsma tad-demokrazija u s-soċjetà ċivili; jilqa' ż-żieda fil-baġit ġenerali tal-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat, fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali;
82. Jinnota li l-element multilaterali tal-PEV għandu jservi biex jikkontribwixxi għat-tnedija effikaċi u rapida ta' proġetti tanġibbli tal-UgħM sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess kondiviż ta' żvilupp u integrazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-kofinanzjament ta' studji ta'

fattibilità u l-appoġġ għal użu usa' ta' self konċessjonarju;

83. Jistieden lill-Kummissjoni u s-SEAE jespjoraw opportunitajiet għal interkonnessjoni istituzzjonali bejn il-PEV u l-politiki tal-viċinat ta' atturi reġjonali ewlenin, speċjalment it-Turkija; ifakkar fl-ambizzjoni ta' Ankara li tispira u tassisti tranżizzjonijiet demokratiċi u riformi soċjoekonomiċi fil-viċinat tan-Nofsinhar; jinnota li l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet Torok u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-istrumenti PEV tiġġenera effetti uniċi ta' sinerġija, speċjalment f'oqsma bħall-istabbiliment ta' istituzzjonijiet u l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili; jemmen li l-kooperazzjoni Prattika kellha tiġi kumplementata minn djalogu strutturat bejn l-UE u t-Turkija sabiex jiġu kkoordinati l-politiki tal-viċinat rispettivi tagħhom; jirakkomanda li offerta simili ta' kooperazzjoni fil-qafas tal-PEV għandha, bħala prinċipju, tiġi estiża għar-Russja u partijiet interessati oħra;

L-UE u r-risoluzzjoni ta' kunflitti

84. Ifakkar li r-risoluzzjoni paċifika tal-kunflitti militari reġjonali, inklużi dawk imsejħa ffriżati, hija l-prekundizzjoni essenzjali għall-konsolidament tad-demokrazija, l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem, il-prosperità u t-tkabbir ekonomiku, għalhekk għandha tkun tal-akbar interess għall-UE;
85. Ifakkar li l-UE għandha tinvolvi ruħha aktar u tiżvolġi rwol aktar attiv, koerenti u kostruttiv fir-risoluzzjoni ta' kunflitti reġjonali, fost l-oħrajn permezz tas-SEAE, billi tiżviluppa aktar miżuri għall-bini ta' fiduċja, rikonċiljazzjoni u medjazzjoni, billi tikkunsidra approċċi pragmatiċi u innovattivi ġodda, inkluża t-tnedija ta' strateġiji ta' komunikazzjoni pubblika fil-pajjiżi sħab, billi tippromwovi korpi ċivili Ewropej ta' paċi u azzjonijiet ta' medjazzjoni lokali, billi tappoġġa l-kultura ċivika - speċjalment it-taħriġ, l-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġh - u d-djalogu bejn u fil-komunitajiet, billi tinvolvi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, billi tiżviluppa proġetti transkonfinali u billi ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien; ifakkar fl-importanza vitali li jissaħħu l-kooperazzjonijiet politiċi għall-iskop ta' sigurtà u biex jiġu miġġielda t-terroriżmu u l-forom individwali ta' estremiżmu;
86. Jemmen li d-djalogu interkulturali u interreliġjuż huwa kruċjali biex itejjeb il-fehim reċiproku, ir-rispett, is-solidarjetà u t-tolleranza ma' u fost il-pajjiżi sħab tal-viċinat; jitlob sabiex l-istrumenti tal-PEV l-ġodda proposti jqiesu b'mod partikolari l-promozzjoni tagħhom;
87. Fil-kuntest tal-konsegwenzi tar-rivoluzzjonijiet fit-Tramuntana tal-Afrika, jenfasizza l-importanza li jiġi provdut appoġġ għal ġustizzja tranżizzjonali u jħeġġeġ lill-pajjiżi sħab kollha jikkooperaw mal-ġustizzja internazzjonali, jiġifieri l-Qorti Kriminali Internazzjonali;
88. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jinżamm approċċ reġjonali u jilqa' d-deċiżjoni li jinħatar Rappreżentant Speċjali tal-UE kemm għall-Kawkasu t'Isfel u kemm għar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran, kif ukoll li tiġi stabbilita task force għan-Nofsinhar tal-Mediterran; huwa tal-fehma li task force simili għall-Kawkasu tan-Nofsinhar għandha tiġi kkunsidrata; jenfasizza l-ħtieġa biex jiġi żgurat li r-rwol proattiv tal-UE fit-taħditiet 5+2 dwar Transnistrija ikollu riżorsi adegwati, speċjalment mit-terminazzjoni tal-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE;

89. Jenfasizza li l-kunflitti reġjonali ma jistgħux jinftiehm u jekk ma jiġux ikkunsidrati fil-kuntest kulturali tagħhom; jappella għall-implimentazzjoni ta' strateġija koerenti, abbażi tal-istrateġija Blue Shield, li tagħti lill-kultura rwol fil-prevenzjoni tal-kunflitti u tal-istabbiliment mill-ġdid tal-paċi;
90. Jilqa' l-ħidma li l-organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-aġenziji tal-OSKE u n-NU, iwettqu fuq il-post f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u wara kunflitt u fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fil-viċinat kollu kemm hu, speċifikament l-impenn li ilu stabbilit tal-UNRWA fir-rigward tar-rifuġjati Palestinjani;
91. Jappoġġa l-azzjoni umanitarja u favur l-iżvilupp u l-paċi tal-UE fil-pajjiżi sħab tal-viċinat tal-Lvant, u b'mod partikolari l-kontribut importanti tal-Unjoni lill-UNRWA; jiddispjaċih madankollu li din l-azzjoni għad mhux qed tkun akkumpanjata mit-tisħiħ tal-Unjoni bħala attur politiku prinċipali fil-Lvant Nofsani; iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Kummissjoni jagħmlu minn kollox biex jagħtu piż politiku għall-preżenza u l-azzjoni tal-Unjoni fir-reġjun pari għall-impenn deċiżiv tagħha f'termini ta' għajjnuna umanitarja u għajjnuna għall-iżvilupp;

Dimensjoni parlamentari

92. Jisħaq fuq il-fatt li l-Parlament Ewropew jiżvolġi rwol importanti, permezz tad-delegazzjonijiet parlamentari tiegħu u d-delegazzjonijiet tiegħu f'assemblej parlamentari, fit-tisħiħ tad-djalogu politiku u l-promozzjoni tal-libertajiet, ir-riformi demokratiċi u l-istat tad-dritt kompletament żviluppati fil-pajjiżi ġirien sħab u jenfasizza li dawn il-kuntatti jistgħu jkunu wkoll mod biex jiġi vvalutat jekk il-kriterji li ġejjin intlaħqux jew le, u biex tiġi adattata l-kooperazzjonijiet bilaterali u multilaterali fid-dawl tal-avvenimenti u l-progressi li saru;
93. Jerġa' jafferma li l-assemblej parlamentari multilaterali, bħall-EURONEST u l-AP-UgħM, huma vetturi kruċjali għall-bini tal-fiduċja u l-koerenza bejn l-UE u l-pajjiżi sħab u fost il-pajjiżi sħab infushom, u għaldaqstant jikkontribwixxu bil-kbir biex jinkisbu l-oġettivi tas-Sħubija tal-Lvant u tal-Unjoni għall-Mediterran; jitlob lis-SEAE u lill-Kummissjoni jassoċjaw kemm jista' jkun lill-membri tal-EURONEST mal-istrutturi u l-pjattaformi multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-AP-UgħM tiġi rikonoxxuta bħala istituzzjoni parlamentari leġittima tal-UgħM; jenfasizza li segretarjat kompletament żvilupp se jagħti aktar koerenza lill-ħidma tal-EURONEST u tal-AP-UgħM u konsistenza mal-programmi tal-PEV ippjanati għad-dimensjoni tal-Lvant u reġjonali tan-Nofsinhar;
94. Jitlob lill-KE tipprovdi appoġġ finanzjarju, tekniku u espert imsaħħaħ lill-amministrazzjonijiet tal-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant fil-programm ta' Bini ta' Istituzzjonijiet Komprensiv biex isaħħaħ l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabilità tagħhom, li huwa kruċjali sabiex il-parlamenti jkollhom rwol xieraq fil-proċessi demokratiċi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
95. Jikkonferma li huwa lest li jilqa' r-rappreżentanti tal-Parlament tal-Bjelorussja fil-EURONEST hekk kif l-elezzjonijiet parlamentari fil-Bjelorussja jibdedu jitqiesu demokratiċi mill-komunità internazzjonali, inkluża l-OSKE;

Finanzjament

96. Jilqa' l-proposta għall-Istrument Ewropew ta' Viċinat il-ġdid u ż-żieda tal-finanzjament għall-PEV, kif mitlub fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu; jikkunsidra li d-distribuzzjoni tal-fondi għandha tkun flessibbli u xierqa għaż-żewġ reġjuni filwaqt li jinżamm il-bilanċ reġjonali, b'approċċ ibbażat fuq ir-rendiment u li jkun jiffoka fuq l-impenji u l-progress fir-rigward tar-riformi tal-pajjiżi sħab, iżda wkoll fuq il-bżonnijiet u l-kapaċitajiet tagħhom; jinnota li l-flessibilità u s-semplifikazzjoni ulterjuri għandhom jirrispettaw id-dritt ta' skrutinju demokratiku u jkunu akkumpanjati b'aktar sorveljanza tal-infiq;
97. Iqis li huwa importanti li jinżamm bilanċ raġonevoli bejn il-komponenti tal-Lvant u tan-Nofsinhar, speċjalment peress li l-pajjiżi ġirien tal-Lvant jinsabu fil-proċess li jimplimentaw programmi u riformi relatati mas-Sħubija tal-Lvant u għandhom perspettiva tal-UE; jemmen, madankollu, li dan il-bilanċ m'għandux jitqies li hu ffixsat b'mod permanenti; jappoġġa bis-sħiħ il-prinċipju ta' għajnuna finanzjarja flessibbli, differenzjata u ibbażata fuq ir-rendiment, ibbażata fuq bżonnijiet reali, kapaċità ta' assorbiment u objettivi milħuqa;
98. Iqis li r-rieżami tal-ENI għandu jkun konsistenti mal-evalwazzjoni attwali tal-MFF 2007-2013 u n-negozjati dwar il-perjodu wara l-2013, u għandu jitwettaq fil-kuntest tagħhom bl-għan li ma jerġgħux jinfetħu n-negozjati dwar il-finanzjament tal-politika tal-viċinat tul l-2012 u l-2013;
99. Jitlob żieda sostanzjali fil-limitu massimu tal-Intestatura 4 tal-baġit tal-UE għall-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, minħabba li matul l-aħħar snin minkejja li sar xi progress fil-promozzjoni ta' kooperazzjoni mtejba u integrazzjoni ekonomika progressiva bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi sħab, jeħtieġ li jsir aktar progress hekk kif jitfaċċaw sfidi ġodda u oqsma għall-kooperazzjoni;
100. Jenfasizza li r-riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet meħtieġa għaż-żieda fil-finanzjament għall-PEV għandha tkun ibbażata fuq prijoritajiet ċari u għalhekk m'għandhiex tkun askapitu tal-unika għodda, li għandha l-Unjoni, ta' rispons għall-kriżi u ta' konsolidament tal-paċi, l-Istrument għall-Istabilità, kif propost mill-Kummissjoni; jenfasizza li l-finanzjament tal-PEV m'għandux jintlaqat mill-kriżi tad-dejn sovrani attwali;
101. Jiddispaċiħ li perċentwal għoli tal-fondi disponibbli tal-PEV qed jintefqu fuq konsulenza minflok fuq proġetti u programmi u jitlob, f'dan ir-rigward, għal bilanċ mill-ġdid u malajr fl-użu tagħhom taħt l-istrument il-ġdid;
102. Jenfasizza l-importanza, fil-każijiet fejn l-UE mmobilizzat għajnuna umanitarja, li jiġi żgurat li jkun hemm tranżizzjoni adattata bejn ir-riabilitazzjoni, ir-rikostruzzjoni u l-iżvilupp, sabiex jinstab rimedju għal uħud mill-konsegwenzi qerrieda tar-rivoluzzjonijiet;
103. Jikkunsidra li l-QKA jista' jiġi kkunsidrat bħala parti integrali tal-ENI; jissuġġerixxi li titqies l-idea li l-ġestjoni tal-fondi tal-ENI taqa' mill-ġdid taħt il-QKA jekk l-istati ma jirnexxilhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-finanzjament minħabba rendiment insodisfaċenti;

104. Jenfasizza r-rwol kritiku tal-ENI fl-appoġġ għall-istrateġiji makroreġionali tal-UE, bħall-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju, billi jingħata finanzjament għad-dimensjoni esterna ta' dawn l-istrateġiji, b'mod partikolari l-attivitajiet li jinvolvu pajjiżi ġirien;
105. Jenfasizza li l-allokkazzjoni tar-riżorsi għandha tkun ibbażata fuq għadd limitat ta' prijoritajiet iddefiniti b'mod ċar u objettivi li jistgħu jitkejlu, bi qbil mal-pajjiżi sħab, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tagħhom u abbażi ta' kundizzjonalità ċara u tal-progress li diġà sar; jenfasizza li l-appoġġ baġitarju għandu jintuża biss fejn ikun hemm il-garanziji għal ġestjoni baġitarja soda u li għandha tintuża l-firxa sħiħa tal-għodda disponibbli sabiex il-prijoritajiet jiġu riflessi b'mod aħjar; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa għal leġiżlazzjoni mtejba dwar l-akkwisti pubbliċi u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiżi PEV;
106. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ konsistenti fl-assistenza pprovduta lill-pajjiżi ġirien minn kull Stat Membru individwali tal-UE u mill-UE fil-qafas tal-PEV; hu favur kull mekkaniżmu li jgħin fil-koordinament u s-semplifikazzjoni tal-azzjoni tad-donaturi differenti tal-UE fil-pajjiżi tal-PEV, mingħajr ma jiżdiedu saffi burokratiċi bla bżonn;
107. Jindika li minkejja l-għajnuna tista' taġixxi bħala ingranaġġ għall-pajjiżi tal-PEV, din mhijiex biżżejjed biex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli u dejjiemi; għalhekk jitlob lill-pajjiżi tal-PEV isaħħu u jimmobilizzaw ir-riżorsi nazzjonali tagħhom, jistabbilixxu sistemi ta' tassazzjoni trasparenti, jinvolvu s-settur privat, il-gvernijiet lokali u s-soċjetà ċivili fl-aġenda tal-PEV u jimmiraw għas-sjeda akbar tagħhom tal-proġetti tal-PEV;
108. Jilqa' d-deċiżjoni tal-pajjiżi membri tal-G8 li jżidu l-faċilitajiet ta' self għall-benefiċċju tal-pajjiżi tas-sħubija tan-Nofsinhar li jkunu bdew tranżizzjoni demokratika; iqis li l-impenni li ttieħdu fil-qafas tas-"Sħubija ta' Deauville" fis-27 ta' Mejju 2011 huma tali li jħeġġu l-mobilizzazzjoni finanzjarja għall-benefiċċju tad-demokrazija u tal-iżvilupp fil-pajjiżi sħab tal-Unjoni Ewropea;
109. Jitlob, fid-dawl tar-Rebbiegħa Għarbija, kif ukoll tal-passi lura mid-demokrazija fi wħud mill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, għal evalwazzjoni awtokritika speċifika tal-istrumenti finanzjarji użati fil-passat fl-ENPI, fir-rigward tal-funzjonament tagħhom fl-oqsma tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-governanza, tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, tal-bini ta' istituzzjonijiet u ta' appoġġ lis-soċjetà ċivili; jemmen li l-UE għandha tadotta approċċ ġdid li jtejjeb il-kooperazzjoni għall-prevenzjoni tal-kunflitti;
110. Huwa tal-konvinzjoni soda li l-għajnuna finanzjarja lill-Awtorità Palestinjana u l-UNRWA għandhom ukoll ikunu eżaminati fil-kuntest ta' dan ir-rieżami u jkunu suġġetti għall-programmazzjoni fuq perjodu fit-tul, bħala parti integrali tal-Politika tal-Viċinat; ma jqisx validu l-argument li l-instabilità politika fir-reġjun u l-ispeċifità tal-proċess tal-paċi jippermettu biss il-programmazzjoni proviżorja u t-tisħiħ każ b'każ;
111. Jitlob, minħabba l-ħtiġijiet attwali urġenti, speċjalment fil-Viċinat tan-Nofsinhar, li jintlaħaq malajr ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-proposta għat-tisħiħ tal-Istrument ta' Viċinat tul il-perjodu 2012-2013; jitlob, barra minn hekk, lill-Istati Membri biex fil-pront iwettqu l-wegħdiet bilaterali tagħhom lill-Mediterran tan-Nofsinhar u lis-Sħubija tal-Lvant;

112. Jinsisti li l-Kunsill għandu jadotta mingħajr dewmien ulterjuri l-proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat l-Artikolu 23 tar-Regolament dwar l-ENPI ppreżentat mill-Kummissjoni f'Mejju 2008 u adottat mill-Parlament fit-8 ta' Lulju 2008, li tkun tippermetti l-investment mill-ġdid tal-fondi rritornati insegwitu ta' operazzjonijiet preċedenti; ifakkar li din il-miżura diġà hi meqjusa bħala fatta u hi riflessa fil-proposta għall-finanzjament tar-rieżami tal-PEV fil-baġit tal-2011-2013; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra modi alternattivi biex tiżgura li l-fondi ta' kapital tar-riskju addizzjonali jsiru disponibbli malajr kemm jista' jkun permezz tal-BEI, kemm għad-dimensjonijiet tan-Nofsinhar u kemm tal-Lvant;

113. Jilqa' l-ħidma mwettqa mill-Bank Ewropew tal-Investment, b'mod partikolari permezz tal-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investment u Šhubija, u mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u jenfasizza l-importanza u l-ħtieġa ta' aktar sinerġiji mal-istituzzjonijiet finanzjarji nazzjonali u internazzjonali oħra li huma wkoll attivi f'dawn il-pajjiżi; jappoġġa l-modifika tal-istatuti tal-BERŻ sabiex anki s-šhab tal-viċinat tan-Nofsinhar ikunu eliġibbli għall-assistenza tiegħu u jixtieq jiżgura li bejn il-BEI u l-BERŻ, li l-kapital tat-tnejn li huma huwa fil-parti l-kbira ta' oriġini Ewropea, tiġi stabbilita relazzjoni produttiva ta' kooperazzjoni, u mhux ibbażata fuq kompetizzjoni;

*
* *

114. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/il-Viċi President tal-Kummissjoni, lis-SEAE, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-pajjiżi tal-PEV u lis-Segretarju Ġenerali tal-Unjoni għall-Mediterran.

8.11.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat
(2011/2157(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Michèle Striffler

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li waqt li l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħmel parti mill-qafas tal-prinċipji u l-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni – u għalhekk, f'dan il-każ, parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat – l-Unjoni, madankollu, għandha dejjem l-obbligu kostituzzjonali, abbażi tal-Artikolu 208(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tqis l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni ta' politiki li x'aktarx jolqtu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex iżommu dejjem f'moħħom dawn l-objettivi, li huma t-naqqis u, finalment, il-qerda tal-faqar, meta jkunu qed jimplementaw il-Politika Ewropea tal-Viċinat, u dan kemm fil-pajjiżi sħab tal-viċinat tal-Lvant u kemm fil-pajjiżi sħab tal-viċinat tal-Mediterran;
2. Jappoġġa l-azzjoni umanitarja u favur l-iżvilupp u l-paċi tal-UE fil-pajjiżi sħab tal-viċinat tal-Lvant, u b'mod partikulari l-kontribut importanti tal-Unjoni lill-UNRWA; jiddispjaċiħ madankollu li din l-azzjoni mhux qed tkun akkumpanjata mit-tisħiħ tal-Unjoni bħala attur politiku prinċipali fil-Lvant Nofsani; iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex jagħmlu l-almu tagħhom biex jagħtu piż politiku għall-preżenza u l-azzjoni tal-Unjoni fir-reġjun pari għall-impenn deċiżiv tagħha f'termini ta' għajjnuna umanitarja u għajjnuna għall-iżvilupp;
3. Jitlob li l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għan-Nofsinhar tal-Mediterran jintuża fi kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp, peress li jemma li huwa jista' jkollu rwol fundamentali biex jiżgura li l-progress demokratiku jimxi id f'id mal-konsolidazzjoni tal-avvanzi fil-qasam tal-iżvilupp, u speċifikament fit-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi fil-pajjiżi kkonċernati;

RR\884916MT.doc

PE469.805v02-00

4. Jenfasizza l-ħtieġa li jitkompla l-finanzjament tal-Politika Ewropea tal-Viċinat minkejja l-kriżi ekonomika attwali iżda madankollu jfakkar li fl-ebda ċirkustanza ma jistgħu jiġu riallokati l-baġits tal-Unjoni għall-ġhajjnuna għall-iżvilupp u l-ġhajjnuna umanitarja għall-finanzjament tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (li hija ffinanzjata minn strument speċifiku);
5. Jenfasizza l-importanza, fil-każijiet fejn l-UE mmobilizzat ġhajjnuna umanitarja, li jiġi żgurat li jkun hemm tranżizzjoni adattata bejn ir-riabilitazzjoni, ir-rikostruzzjoni u l-iżvilupp, sabiex jinstab rimedju għal uħud mill-konsegwenzi qerrieda tar-rivoluzzjonijiet;
6. Jinnota li bis-saħħa tar-riħ ta' libertà li venven fuq il-kosti tan-Nofsinhar tal-Mediterran waqt ir-rebbiegħa Għarbija, is-soċjetajiet ċivili lokali fittxew l-emanċipazzjoni mill-kontroll riġidu wisq li sa dak il-mument kienu jeżerċitaw l-awtoritajiet fis-setgħa; huwa favur kooperazzjoni subreġjonali aktar stretta u jappoġġa din ix-xewqa ta' emanċipazzjoni, sakemm din timxi pari passu ma' progress demokratiku reali li jippermetti difiża aħjar tal-valuri komuni (id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, partikolarment id-drittijiet tan-nisa, il-ġustizzja u l-istat tad-dritt, il-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà ta' espressjoni, ta' kuxjenza, ta' reliġjon, ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-midja, is-sigurtà, l-istabilità demokratika, il-prosperità u d-distribuzzjoni ekwa tad-dħul, tal-ġid u tal-opportunitajiet, il-governanza tajba u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni); jappoġġja wkoll, f'din il-perspettiva, il-bini ta' demokrazija lokali permezz tad-deċentralizzazzjoni u t-tisħiħ istituzzjonali tal-awtoritajiet lokali;
7. Jenfasizza li t-twettiq tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem, inklużi d-drittijiet soċjali u ekonomiċi għandhom ikunu l-pedament tal-politika tal-viċinat; jistieden ukoll lill-Unjoni tfassal politika ta' oppożizzjoni għat-tħaddim tat-tfal, f'konformità mal-konvenzjonijiet tal-ILO dwar l-età minima għall-permess għax-xogħol, jiġifieri mill-età ta' 15-il sena, u dwar l-aġħar forom ta' xogħol tat-tfal, biex dawn jinqerdu; jenfasizza li l-aċċess għall-edukazzjoni bażika u għat-taħriġ professjonali għandu jiġi ggarantit b'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;
8. Jenfasizza l-ħtieġa partikulari li l-programmi ta' żvilupp u tad-drittijiet tal-bniedem tal-Unjoni jappoġġjaw is-soċjetà ċivili, li hija protagonista f'dawn il-proċessi, u speċjalment l-organizzazzjonijiet tan-nisa u taż-żgħażaġh; ifakkar li, wara l-elezzjonijiet li se jsiru fix-xhur li ġejjin, għandha tiġi intensifikata l-ħidma biex jissaħħu l-parlamenti nazzjonali li jirriżultaw mill-elezzjonijiet, sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom ta' sorveljanza u skrutinju;
9. Jinsisti li l-proċess ta' demokratizzazzjoni għandu jkollu l-għanijiet tat-tisħiħ tal-istat tad-dritt u tat-twaqqif ta' istituzzjonijiet demokratiċi, inkluż parlament li jiffunzjona u li jirrappreżenta l-pluraliżmu politiku; jenfasizza r-rwol essenzjali tas-soċjetà ċivili f'dan il-proċess u jitlob li jkun stabbilit mekkaniżmu ċar u trasparenti li jippermetti l-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili;
10. Jenfasizza li r-relazzjonijiet tal-migrazzjoni bejn l-Unjoni u l-ġirien tagħha mhumiex riduċibbli unikament għal kwistjoni tal-prijoritajiet tas-sigurtà tal-Unjoni; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex joqogħdu attenti wkoll, fil-politiki futuri tagħhom, għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u tar-rifuġjati, kif ukoll għar-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp tal-pajjiżi sħab tan-Nofsinhar u tal-Lvant.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	7.11.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Leonidas Donskis, Charles Goerens, András Gyürk, Eva Joly, Franziska Keller, Miguel Angel Martínez Martínez, Norbert Neuser, Birgit Schnieber-Jastram, Michèle Striffler, Alf Svensson, Patrice Tirolien, Ivo Vajgl, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Santiago Fisas Ayxela, Fiona Hall, Krzysztof Lisek, Isabella Lövin, Horst Schnellhardt, Giancarlo Scottà, Jan Zahradil
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Sophie Auconie, João Ferreira

8.11.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat
(2011/2157(INI))

Rapporteur: Göran Färm

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li politika kostruttiva għall-viċinat maħsuba għal perjodu ta' żmien twil hija ta' importanza vitali sabiex il-pajjiżi tas-sħubija jippromwovu progress lejn il-paċi, id-demokrazija, l-istabilità u l-prosperità, iżda wkoll strateġikament importanti għall-Unjoni Ewropea meta wieħed iqis l-importanza tal-pajjiżi sħab fil-Lvant kif ukoll fin-Nofsinhar għas-sigurtà, l-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku komuni tagħna;
2. Jenfasizza li rieżami tal-PEV għandu jiżviluppa strument strutturat tajjeb u mfassal f'perspettiva ta' żmien twil u li tħares 'il quddiem, speċjalment f'kuntest baġitarju ristrett, sabiex ikunu evitati fluttwazzjonijiet ta' finanzjament u kwalunkwe duplikazzjoni potenzjali ma' strumenti eżistenti; jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, mill-konklużjoni tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-20 ta' Ġunju 2011 li appoġġ finanzjarju miżjud b'mod sinifikanti [...] se jkun deċiż [...] mingħajr preġudizzju b'mod partikulari għall-qafas finanzjarju multiannwali (MFF);
3. Jitlob, fid-dawl tar-Rebbiegħa Għarbija, kif ukoll tal-passi lura mid-demokrazija fuħud mill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, għal evalwazzjoni awtokritika speċifika tal-istrumenti finanzjarji użati fil-passat fl-ENPI, fir-rigward tal-funzjonament tagħhom fl-oqsma tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-governanza, tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, tal-bini ta' istituzzjonijiet u ta' appoġġ lis-soċjetà ċivili; jemmen li l-UE għandha tadotta approċċ ġdid li jtejjeb il-kooperazzjoni għall-prevenzjoni tal-kunflitti;
4. Iqis li r-rieżami tal-ENI għandu jkun konsistenti mal-evalwazzjoni attwali tal-MFF 2007-2013 u n-negozjati dwar il-perjodu wara l-2013, u għandu jitwettaq fil-kuntest tagħhom bl-għan li ma jergħux jinfetħu n-negozjati dwar il-finanzjament tal-politika tal-viċinat tul l-2012 u l-2013;

RR\884916MT.doc

PE469.805v02-00

5. Iqis li l-assistenza finanzjarja fil-kamp tal-politika tal-viċinat ukoll trid tqis l-immigrazzjoni u l-asil u għandha tappoġġa azzjonijiet sabiex ittaffi l-effetti tal-eżodu tal-imħuħ, tippromwovi kampanji ta' informazzjoni dwar il-possibilitajiet ta' migrazzjoni legali, tagħti għajnuna strutturali biex jintlaqgħu l-persuni li jfittxu asil u r-refuġjati, tippromwovi t-taħriġ ta' uffiċjali minn pajjiżi terzi fil-qasam tal-asil u tad-drittijiet tal-bniedem u tiffaċilita r-riintegrazzjoni tal-persuni li jmorru lura; iqis li huwa neċessarju li l-ENI rivedut ma jittraskurax din id-dimensjoni u jkun kapaċi jappoġġa b'mod rapidu strumenti finanzjarji oħra relatati mar-refuġjati, bħall-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-Fond għall-Fruntieri Esterni, u jaħdem b'koerenza magħhom;
6. Jaqbel mal-interazzjoni mtejba meħtieġa bejn l-ENI u strumenti oħrajn bħall-BEI u l-BERŻ biex ikun immassimizzat il-valur miżjud tal-UE, tkun evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tar-riżorsi u jkun ottimizzat l-impatt tal-għajnuna; jemmen, f'dan ir-rigward, li qafas komprensiv għal din l-interazzjoni għandu jkun ikkunsidrat;
7. Huwa tal-konvinzjoni soda li l-għajnuna finanzjarja lill-Awtorità Palestinjana u l-UNRWA għandhom ukoll ikunu eżaminati fil-kuntest ta' dan ir-rieżami u jkunu suġġetti għall-programmazzjoni fuq perjodu fit-tul, bħala parti integrali tal-politika tal-viċinat; ma jqisx validu l-argument li l-instabilità politika fir-reġjun u l-ispeċifitàjiet tal-proċess tal-paċi jippermettu biss l-i-programmar proviżorju u t-tiżiħ każ b'każ;
8. Iqis li huwa importanti li jinżamm bilanċ raġonevoli bejn il-komponenti tal-Lvant u tan-Nofsinhar, speċjalment peress li l-pajjiżi ġirien tal-Lvant jinsabu fil-proċess li jimplimentaw programmi u riformi relatati mas-Sħubija tal-Lvant u għandhom perspettiva tal-UE fit-tul; jemmen, madankollu, li dan il-bilanċ m'għandux jitqies li hu ffissat b'mod permanenti; jappoġġa bis-sħiħ il-prinċipju ta' għajnuna finanzjarja flessibbli, differenzjata u skont ir-rendiment, ibbażata fuq bżonnijiet reali, kapaċità ta' assorbiment u miri milħuqa;
9. Jenfasizza r-rwol kritiku tal-ENI fl-appoġġ għall-istrateġiji makroreġjonali tal-UE, bħall-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju, bil-provvediment ta' finanzjament għad-dimensjoni esterna ta' dawn l-istrateġiji, l-aktar importanti l-attivitajiet li jinvolvu pajjiżi ġirien;
10. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni biex terġa' ssaħħaħ il-parteeċipazzjoni ta' pajjiżi ġirien fil-ħidma ta' xi aġenziji tal-UE u ta' programmi tal-UE miftuħa għall-pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tressaq lista ċara u komprensiva ta' aġenziji u programmi rilevanti li fihom jistgħu jipparteċipaw il-pajjiżi ġirien, flimkien ma' ħarsa ġenerali lejn il-forma, il-kontribut finanzjarju u l-metodu ta' tali parteċipazzjoni differenzjata;
11. Jinsisti dwar il-ħtieġa ta' prijoritajiet u objettivi ddefiniti b'mod ċar sabiex tiġi evitata l-ħela eċċessiva, li twassal għal riżultati fqar minħabba li l-għajnuna finanzjarja titferrex iżżejjed; iqis li tali limitazzjoni awtoimposta tal-prijoritajiet hija strument essenzjali għall-kundizzjonalità u l-monitoraġġ aħjar tal-għajnuna; jafferma mill-ġdid għalhekk li l-pajjiżi ġirien u l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom ikunu politikament u legalment lesti li jqisu mill-ġdid u malajr l-assistenza finanzjarja jekk il-kundizzjonijiet imposti ma jkunux issodisfati;

12. Jinnota li l-użu mill-ġdid ta' rimborżi tal-BEI jirrappreżenta kważi 20% tal-pakkett finanzjarju globali għar-rieżami; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill biex jadotta malajr il-proposta leġiżlattiva għall-emenda tar-Regolament ENPI sabiex ikun permess tali użu mill-ġdid; jinsisti li ma tressqet l-ebda alternattiva għall-ammont ipprogrammat ta' EUR 244 miljun, f'każ li fil-Kunsill tkun għadha ma nstabitx maġġoranza dwar din il-kwistjoni wara 3 snin; iqis li pakkett ta' EUR 1.24 biljun jirrappreżenta l-ammont minimu; jemmen li l-unika alternattiva biex ikun ikkumpensat in-nuqqas tal-użu mill-ġdid ta' rimborżi tal-BEI tkun il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà previst mit-IIA;
13. Jenfasizza li koordinazzjoni msaħħa fost l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-UE meta jipprovdu għajnuna lill-pajjiżi ġirien hija prerekwiżit assolut għal għajnuna Ewropea effiċjenti u koerenti; jistieden lill-Istati Membri kollha biex juru rieda vera li jakkomodaw l-interessi nazzjonali tagħhom mal-Politika Ewropea tal-Viċinat, għall-benefiċċju tal-pajjiżi sħab;
14. Jitlob, minħabba l-ħtiġijiet attwali urġenti, speċjalment fil-Viċinat tan-Nofsinhar, li jintlaħaq malajr ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-proposta għat-tisħiħ tal-Istrument ta' Viċinat tul il-perjodu 2012-2013; jitlob, barra minn hekk, lill-Istati Membri biex fil-pront iwettqu l-wegħdiet bilaterali tagħhom lill-Mediterran tan-Nofsinhar u lis-Sħubija tal-Lvant;
15. Jieħu nota tal-proposta biex jitwaqqaf fond għad-Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija; jinnota li l-qafas, deskrizzjoni iddettaljata u l-finanzjament tiegħu għad iridu jkunu ddefiniti, u jwissi li dan m'għandux jidħol f'kampijiet fejn hemm diġà strumenti oħra jew iwassal għad-duplikazzjoni ta' strumenti eżistenti; jesprimi tħassib dwar il-fatt li dan il-fond futur jista' jiġi ffinanzjat, kollu kemm hu jew parti minnu, barra mill-baġit tal-UE u jafferma mill-ġdid id-dritt ta' monitoraġġ u skrutinju tal-awtorità baġitarja fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-fond; jitlob, għalhekk, kjarifika mill-Kummissjoni u mill-Kunsill fuq din il-kwistjoni;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	7.11.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Lajos Bokros, Isabelle Durant, James Elles, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Carl Haglund, Lucas Hartong, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, László Surján, Derek Vaughan
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Frédéric Daerden, Jürgen Klute, Georgios Stavrakakis
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marisa Matias

9.11.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJJIET SOĠJALI

għall-Kumitat għall-Affarijjet Barranin

dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat
(2011/2157(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvana Rapti

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijjet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijjet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li għejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi hu meħtieġ approċċ olistiku li jiffavorixxi l-impjiegi u l-protezzjoni soċjali għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli;
- B. billi l-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) hija essenzjali għall-istabilità tal-pajjiżi ġirien tal-UE u tikkontribwixxi għas-sigurtà u l-progress ta' kulħadd u billi jeżisti interess komuni li jkun hemm żona usa' demokratika, stabbli, prospera u paċifika madwar l-Ewropa;
- C. billi l-UE sservi globalment bħala mudell tal-iżvilupp soċjali u tista' toffri għarfien espert ta' valur dwar it-tkabbir responsabbli;
- D. billi l-PEV il-ġdida qiegħda tkun, u għandha tkompli tkun, evalwata mill-ġdid skont il-progress miksub fil-pajjiżi ġirien iżda wkoll fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' interess reċiproku, u għandha tkun immudellata mill-ġdid u kundizzjonata skont iċ-ċirkustanzi biex jiġu indirizzati l-iżviluppi fl-isfidi storiċi u tingħata prijorità lil sitwazzjonijiet urġenti;
- E. billi l-isforzi biex jinbdeu il-bidliet demokratiċi fl-Afrika ta' Fuq saru minn persuni, l-iktar il-ġenerazzjoni żagħżuġha, li jgħixu f'soċjetajiet b'distribuzzjoni inugwali tal-ġid, rata għolja ta' qgħad, sigurtà soċjali insuffiċjenti, nuqqas ta' edukazzjoni u prospettivi soċjali jew saħansitra li qegħdin jgħixu taħt il-livell tal-faqar u qed ikampaw bis-saħħa tal-

ekonomija informali;

- F. billi r-reġjun madwar il-pajjiżi msieħba tan-Nofsinhar għandu waħda mill-iktar rati ta' attività baxxi fid-dinja u l-ġrajjet li seħħew fil-bidu tal-2011 f'numru ta' pajjiżi msieħba joffru opportunitajiet ġodda biex ikunu indirizzati l-isfidi konnessi mal-ħolqien tal-impjiegi;
- G. billi l-Politika Ewropea tal-Viċinat għandha tindirizza bl-istess mod il-problemi tad-dimensjonijiet tal-Lvant u tan-Nofsinhar fir-rigward tad-demokrazija u ta' kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali,
- H. billi jeżistu differenzi sinifikanti bejn it-tendenzi demografiċi fir-reġjuni differenti tal-Politika Ewropea tal-Viċinat,
- I. billi ż-żona li tmiss mal-fruntieri tal-Lvant u tan-Nofsinhar hija ta' importanza strateġika, għandhom jitqiesu bħala prijorità l-kwistjonijiet ta' influssi ta' ħaddiema migranti, li huma marbuta max-xebh kulturali u l-passat storiku, u l-iżviluppi futuri potenzjali rigward it-tkabbir;
 - 1. Jenfasizza li l-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) għandha tappoġġa riformi strutturali u sostenibbli fil-qasam tal-ekonomija, il-politika soċjali u l-edukazzjoni, imwettqa f'qafas legali sikur u ġust u f'konformità mal-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), iffokati fuq il-ħolqien tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali, u l-modernizzazzjoni xierqa tal-politiki tax-xogħol li jinkludu programmi ta' taħriġ u edukattivi, billi jiġu adottati standards ta' xogħol bħala prerekwiżiti għall-appoġġ finanzjarju. Dawn ir-riformi għandhom jinkoraġġixxu t-tkabbir soċjali u ekonomiku li jipprevjenu l-esklużjoni u d-dumping soċjali filwaqt li jtejbu l-ambjent kummerċjali u l-appoġġ għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju;
 - 2. Iħeġġeġ lill-imsieħba tal-PEV jirratifikaw il-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO dwar ix-xogħol u jallinjaw il-leġislazzjoni nazzjonali magħhom;
 - 3. Jenfasizza li l-PEV għandha tappoġġa lill-pajjiżi tal-PEV fl-isforzi tagħhom biex jitrattaw kwistjoniet urġenti relatati mas-suq tax-xogħol u tipprovdi risponsi fit-tul għall-isfidi tas-suq tax-xogħol, bħal żbilanċi bejn il-provvista u d-domanda, l-impjegar informali, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, rata allarmanti ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, xogħol illegali mit-tfal, inugwaljanza relatata mal-ġeneri u l-esklużjoni ta' gruppi soċjali vulnerabbli, filwaqt li jagħmlu użu mill-għarfien espert u l-kollaborazzjoni tal-UE, b'mod speċjali l-Fondazzjoni Ewropea tat-Taħriġ, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jitrattaw ir-riformi tas-swieq tax-xogħol u l-iżvilupp ta' politiki soċjali; jitlob li jinħolqu mekkaniżmu ta' skambju tal-aħjar Prattiki rigward riformi relatati max-xogħol u politiki tal-impjegar kif ukoll sabiex jiġi pprovdut l-appoġġ tekniku meħtieġ lill-pajjiżi tal-PEV;
 - 4. Jenfasizza l-importanza li jinħolqu impjiegi ta' kwalità, adatti għall-ħtiġijiet ekonomiċi u tas-suq tax-xogħol, biex wieħed ikollu l-għażla li jibqa' f'pajjiżu; ifakkar li l-iżvilupp u l-involviment mill-qrib tas-settur privat, b'mod partikolari l-impriżi żgħar u ta' daqs medju, jagħtu spinta importanti lill-ħolqien tal-impjiegi; ifakkar fl-istess waqt fil-ħtieġa kruċjali li tiġi trattata b'mod effettiv il-migrazzjoni irregolari ta' migranti vulnerabbli li jistgħu jiġu sfurzati jew esposti għar-riskju li jinvolvu rwieħhom f'imġiba illegali jew sitwazzjonijiet

illegali fit-territorju tal-UE; ifakkar f'dan ir-rigward fl-importanza li jitjieberu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-migranti kollha;

5. Jenfasizza li l-PEV għandha tkun il-bażi għal kooperazzjoni effettiva biex tkun trattata l-immigrazzjoni illegali, ladarba l-pajjiżi imsieħba huma kemm pajjiżi ta' oriġini kif ukoll pajjiżi ta' transitu għall-immigranti illegali, biex il-fruntieri jkunu ġestiti b'mod effettiv, tkun miġġielda l-kriminalità organizzata u, konsegwentement, jiġu mħarsa d-drittijiet tal-bniedem;
6. Ifakkar fil-ħtieġa li jkun żgurat li l-paga minima skont il-prattiki nazzjonali tippovdi standard tal-għajxien adegwat għall-ħaddiema u l-familji tagħhom u li t-tnaqqis mill-pagi ma għandux iħalli lill-impjegati u lill-persuni dipendenti tagħhom nieqsa mill-mezz propju ta' sussistenza tagħhom;
7. Jinnota li għandu jkun previst żmien adegwat għal avviż ta' tmiem ta' impjeg, li jqis it-tul ta' żmien fis-servizz tal-impjegat;
8. Jenfasizza li l-mobilità ċirkolari kontrollata hija siewja, kemm għall-pajjiżi terzi kif ukoll għall-UE, u jitlob li jittieħdu miżuri li jevitaw eżodu potenzjali tal-aħjar imħuħ; jenfasizza l-ħtieġa li jitkompla d-djalogu dwar appoġġ għall-aċċess għas-suq tax-xogħol, u l-ħtieġa ta' tixrid ta' informazzjoni aqwa dwar il-possibilitajiet legali eżistenti fir-rigward tal-mobilità u l-migrazzjoni, u dwar l-opportunitajiet għall-użu tal-kompetenzi disponibbli meħtieġa għas-suq tax-xogħol; ifakkar li d-dritt ta' persuna b'nazzjonalità ta' pajjiż li mhux fl-UE li jirrisjedi u jfittez ix-xogħol fit-territorju ta' Stat Membru huwa regolat permezz ta' direttivi fil-livell Ewropew; jgħid li l-effetti negattivi, bħall-aljenazzjoni tal-familja, għandhom jiġu vvalutati kif jixraq; jenfasizza l-impatt pożittiv tal-migrazzjoni ekonomika fil-kisba ta' swieq tax-xogħol sostenibbli;
9. Iqis li l-proġetti transkonfinali u l-appoġġ finanzjarju għall-programmi edukattivi bħall-Erasmus għandhom ikunu l-fokus prinċipali tal-ghajjnuna lil dawn il-pajjiżi fit-transizzjoni tagħhom lejn ekonomija soċjali tas-suq u għall-kontroll tal-effetti negattivi fuq is-swieq tax-xogħol tagħhom;
10. Jilqa' inizjattivi ta' skambji tal-istudenti u tat-taħriġ vokazzjonali bħad-Dikjarazzjoni bil-Miktub adottata reċentement dwar il-ħolqien tal-programmi Erasmus u Leonardo da Vinci Ewro-Mediterranji;
11. Jinsisti fuq it-tisħiħ tal-mezzi ta' azzjoni tal-persuni, komunitajiet u s-soċjetà ċivili, u fuq it-tisħiħ tad-djalogu soċjali;
12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi l-imsieħba soċjali li huma indipendenti għalkollox f'termini tal-ħolqien u l-iżvilupp tagħhom permezz ta' strumenti varji, inklużi l-appoġġ finanzjarju u tekniku, it-taħriġ, il-ħolqien ta' netwerks u miżuri li jibnu l-kapaċità, minħabba li l-imsieħba soċjali huma indispensabbli għall-ħolqien ta' politiki soċjali;
13. Jemmen li dawk l-Istati Membri li għandhom fruntieri komuni mal-pajjiżi tal-PEV huma ta' importanza kruċjali fl-ghajjnuna u l-kondiviżjoni tal-għarfien ma' dawk il-pajjiżi, speċjalment rigward ir-riformi fil-qasam tax-xogħol u l-impjegi; jitlob għaldaqstant lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha attivament fi djalogu u azzjonijiet flimkien mal-awtoritajiet

nazzjonali u l-imsieħba soċjali fil-pajjiżi ġirien, sabiex tgħin lill-pajjiżi tal-PEV fil-ħolqien ta' networks u tipprovdi assistenza teknika għall-bini tal-kapaċità u tal-istituzzjonijiet;

14. Ifakkar f'kemm hu importanti d-dritt ta' assoċjazzjoni ma' trejtdjunjin ta' kull individwu u d-dritt tat-trejtdjunjins li jistabbilixxu federazzjonijiet jew konfederazzjonijiet nazzjonali u jħeġġeġ il-faċilitazzjoni u jħeġġeġ li dan id-dritt jiġi promoss u rrispettat fil-prattika; ifakkar li d-dritt tal-istrajtk huwa dritt fundamentali rikonoxxut u ma jistax jinċaħad biss fuq il-bażi ta' ħidma f'qasam essenzjali għall-komunità, mingħajr divrenzjar bejn il-funzjonijiet speċifiċi; iħeġġeġ il-promozzjoni tad-dritt li wieħed ikun infurmat u kkonsultat fl-oqsma kollha ta' interess reċiproku, garantit b'sanzjonijiet li ma jistax jinċaħad sempliċiment fuq il-bażi li persuna tkun taħdem fis-servizz ċivili;
15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġa l-bini tal-kapaċità amministrattiva fl-impjiegi u l-affarjiet soċjali, b'attenzjoni speċjali għall-bini tal-kapaċità fis-servizzi legali, li jiżgura tħejjija aħjar għall-implimentazzjoni tar-riformi;
16. Jenfasizza l-importanza ta' politiki kkoordinati bejn l-UE u l-Istati Membri għal riżultati aħjar fl-oqsma ta' interess reċiproku iżda wkoll, u daqstant ieħor fl-istabbiliment ta' standards ta' kundizzjonalità;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tilqa' d-Dokumenti ta' Strateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar (PRSP) bħala l-qafas politiku ta' gwida għal tul ta' żmien medju favur it-tkabbir ekonomiku li jiffavorixxi lill-fqar u t-tqassim ekwu tal-ġid skont il-bżonnijiet tal-pajjiż;
18. Jesiġi lill-Kummissjoni biex b'mod effettiv tissorvelja u tevalwa fuq bażi annwali r-riżultati tal-azzjonijiet u tal-finanzjament tagħha, fir-rigward tal-politiki tal-impjiegi b'mod partikolari, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet tal-ILO u li tinkludi r-riżultati tal-monitoraġġ tagħha fl-azzjonijiet ġejjiena tagħha.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	7.11.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Jean-Luc Bennahmias, Pervenche Berès, Philippe Boulland, Milan Cabrnich, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Frédéric Daerden, Karima Delli, Frank Engel, Richard Falbr, Marian Harkin, Roger Helmer, Liisa Jaakonsaari, Ádám Kósa, Veronica Lope Fontagné, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Siiri Oviir, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Elisabeth Schroedter, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu, Andrea Zanoni
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Raffaele Baldassarre, Edite Estrela, Julie Girling, Richard Howitt, Ria Oomen-Ruijten, Emilie Turunen
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Bearder

21.10.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat
(2011/2157(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' t-tisħiħ tad-dimensjoni tal-kooperazzjoni fl-enerġija tal-PEV; ifakkar li s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u l-ġestjoni tad-domanda, u impenn akbar mal-fornituri prinċipali u mal-istati ta' tranżitu tibqa' prijorità tal-UE għall-politika tal-enerġija u li kemm il-ġirien tal-Lvant kif ukoll dawk tan-Nofsinhar jibqgħu mira prinċipali tal-politika koordinata tal-enerġija esterna tal-UE, kif ukoll jitlob li jittieħdu miżuri effettivi sabiex ikun żgurat li l-prinċipju ta' solidarjetà jiġi applikat fil-qasam tal-enerġija; jilqa', f'dan ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politika tal-enerġija esterna u l-proposta tagħha għal Deċiżjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar ftehimiet intergovernattivi;
2. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tas-Sħubija tal-Lvant sabiex tkun żgurata l-provvista tal-enerġija tal-UE; fid-dawl tal-ħolqien ta' interkonnessjonijiet u linji tal-pajpijiet fis-settur tal-gass ġodda, interkonnessjonijiet u netwerks ġodda fis-settur tal-elettriku, infrastrutturi u terminals ġodda għall-gass naturali likwifikat u impjanti tal-enerġija elettrika ġodda (bl-użu ta' sorsi tal-enerġija minn fjuwils fossili jew sorsi li jiġġeddu, jew ibbażati fuq proġetti nukleari), jenfasizza l-bżonn li jiġu stabbiliti regoli tas-suq u kundizzjonijiet ġusti u trasparenti għat-tranżitu u l-kummerċ tal-enerġija sabiex ikun żgurat futur stabbli għall-investment; jenfasizza li tali regoli u kundizzjonijiet għandhom jippromwovu standards għoljin għall-protezzjoni tal-ambjent, il-parteċipazzjoni demokratika u s-saħħa u s-sikurezza;
3. Jilqa' l-proposta għall-ħolqien ta' Komunità Ewropea tal-Enerġija u jemmen li din tista' tkun pass importanti għall-kooperazzjoni mal-ġirien tagħna;
4. Jilqa' l-adeżjoni tal-Ukraina u l-Moldova mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-

RR\884916MT.doc

PE469.805v02-00

Enerġija fid-dawl tar-rwol potenzjalment vitali tiegħu biex ikun żgurat il-ksib tal-objettivi tas-sikurezza tal-enerġija tal-UE u għall-kontribut għas-sikurezza ta' dawk il-pajjiżi;

5. Jilqa' l-isforzi kollha għat-tisħiħ tas-Sħubija tal-Lvant, speċjalment l-inizjattivi ewlenin tal-Kummissjoni dwar l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u dwar is-swieq tal-enerġija reġjunali u l-effiċjenza tal-enerġija; jemmen li dawn l-isforzi għandhom ikunu riflessi fil-qafas finanzjarju multiannwali;
6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, anke permezz tal-investiment, tinkoraġixxi l-kostruzzjoni, l-aġġornar u l-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet ta' netwerks u infrastruttura tal-enerġija intelliġenti mal-ġirien tal-UE; jenfasizza l-importanza li tingħata prijorità lil proġetti ta' interess tal-UE sabiex jiġi aċċellerat l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom; jinnota b'mod partikolari l-importanza tal-kostruzzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-gass naturali likwifikat;
7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa aktar l-Istrateġija tal-UE għall-Baħar l-Iswed għaliex din tirrappreżenta komponent importanti tal-istrateġija Ewropea għall-enerġija esterna, meta jitqies ir-rwol ġeostrateġiku li għandha, li toffri potenzjal sinifikanti għas-sikurezza tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista;
8. Ifakkar fl-importanza tal-enerġija konvenzjonali (iż-żejt u l-gass), ta' sorsi rinnovabbli u tal-effiċjenza fl-enerġija bħala xpruni għall-iżvilupp ekonomiku kemm tal-ġirien tal-Lvant kif ukoll ta' dawk tan-Nofsinhar tal-UE billi dawn isiru sors ta' introjtu u impjegi ġodda, filwaqt li jiġġeneraw sorsi ġodda lokali tal-enerġija, isaħħu l-infrastruttura tal-grilja u jagħmluha possibbli li jinħoloq settur industrijali ġdid tal-manifattura tal-komponenti; jirrikonoxxi li użu akbar ta' sorsi rinnovabbli bosta drabi jkun imfixkel minħabba nuqqas ta' inċentivi u mill-kapaċità restritta kurrenti tal-grilji biex jirċievu u jqassmu enerġija ġġenerata minn sorsi rinnovabbli; jitlob lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ l-iżvilupp u l-promozzjoni tal-ġharfien espert lokali f'dawn l-oqsma, it-trasferiment ta' ġharfien u l-implimentazzjoni bikrija rapida ta' teknoloġija intelligent, kif ukoll s-sedqa ta' proġetti konġunti ta' riċerka billi jingħata appoġġ għall-programmi ta' taħriġ immirati sabiex jiġġeneraw fakultajiet, ċentri ta' riċerka dwar l-enerġija rinnovabbli u korpi regolatorji;
9. Jenfasizza l-bżonn ta' kooperazzjoni transkonfinali fir-reġjun tad-Danubju, meta jitqies l-istatus tar-reġjun bħala d-daħla Ewropea lejn il-Balkani tal-Punent, ir-rwol tal-istrateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju f'dak li jirrigwarda t-titjib tar-relazzjonijiet tal-viċinat fl-Ewropa ċentrali u tax-Xlokk u l-fatt li l-istrateġija tirrappreżenta valur miżjud sinifikanti għall-politika tal-EU dwar l-Ewropa tal-Lvant, li b'hekk isservi ta' mezz eċċellenti għall-Unjoni kollha biex issaħħaħ il-kooperazzjoni politika u ekonomika fil-Balkani u biex testendi u tikkonsolida l-proċess tal-intergrazzjoni Ewropea fir-reġjun;
10. Jenfasizza l-importanza tal-kondiviżjoni tal-esperjenza tal-UE fir-rigward tar-riformi fis-settur tal-enerġija mal-pajjiżi ġirien, bħall-Ukraina, sabiex jingħata kontribut għall-modernizzazzjoni tas-sistema ta' tranżitu tal-gass tagħhom u sabiex ikunu promossi regoli tas-suq trasparenti, il-protezzjoni tal-ambjent u kundizzjonijiet ġusti għall-kummerċ tal-enerġija;
11. Jinnota li s-sigurtà u s-sikurezza nukleari għandhom ikunu prijorità kruċjali tad-djalogu tal-UE mal-ġirien tagħha, partikolarment freġjuni li huma suxxettibbli għal attivit

sismika qawwija; iqis li l-UE għandha tappoġġa standards tas-sikurezza nukleari internazzjonali li jkunu legalment vinkolanti fid-diskussjoni multilaterali, inkluż taħt il-patroċinju tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), u għandha timmira li testendi l-evalwazzjonijiet tas-sikurezza nukleari fil-pajjiżi ġirien tal-UE; jenfasizza l-bżonn li jitħeġġeġ l-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riċerka nukleari u l-iskambju ta' għarfien espert teknoloġiku u xjentifiku f'dan il-qasam;

12. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tħaffef il-proċess tal-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija u l-proċess ta' liberalizzazzjoni billi tinkoraġġixxi aktar konverġenza tal-oqsfa regolatorji, billi jinbena fuq il-bażi tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER); minkejja l-merti tal-attenzjoni xierqa tat-Trattat tal-Enerġija tal-Komunità għar-riskju tat-tnixxija tal-karbonju, iqis li huma meħtieġa l-espansjoni u l-appfondiment tal-Komunità tal-Enerġija sabiex ikun żgurat ir-rendiment xieraq tas-suq u ċ-ċertezza legali tal-investimenti; jinkoraġġixxi proġetti regolatorji komuni bħall-MEDREG, u l-promozzjoni ta' regoli tas-suq armonizzati, trasparenti u mhux diskriminatorji u l-iskambju ta' l-għarfien u l-esperjenza;
13. Jenfasizza l-bżonn ta' konsolidazzjoni ta' kooperazzjoni multilaterali tal-enerġija fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed fuq il-bażi tal-prinċipji gwida stipulati mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u t-Trattat tal-Karta tal-Enerġija; huwa favur l-integrazzjoni sħiħa tas-swieq u l-qafas regolatorju fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni dwar l-enerġija u l-ambjent tal-UE u jħeġġeġ il-pajjiżi tar-reġjun usa' tal-Baħar l-Iswed biex jaderixxu mat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, filwaqt li huwa favur ukoll id-provvediment ta' assistenza mill-UE, il-BEI u l-BERŻ għall-immodernizzar tal-infrastrutturi tal-enerġija fil-pajjiżi tal-PEV;
14. Ifakkar lill-membri tal-Karta tal-Enerġija fid-doveri tagħhom skont it-Trattat u l-emendi u l-protokollu tiegħu; jenfasizza li kwalunkwe soluzzjoni ta' kwistjonijiet trid tiġi rispettata u applikata b'mod sħiħ; iħeġġeġ l-adeżjoni bħala membri sħaħ tal-pajjiżi osservaturi attwali tal-Afrika ta' Fuq;
15. Hu tal-fehma li l-UE għandha tinkoraġġixxi kooperazzjoni aħjar dwar kwistjonijiet tal-enerġija ma' pajjiżi tal-PEV sabiex tiżgura s-sikurezza tal-provvista tal-enerġija u tippromwovi r-regoli tal-suq intern tal-UE;
16. Jappoġġa kooperazzjoni ulterjuri f'setturi bħalma huma l-industrija, l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluża is-sigurtà tas-sistemi tal-teknoloġija tal-informazzjoni, l-ispazju u t-turiżmu; jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' spazju komuni tal-għarfien u l-innovazzjoni u ta' ekonomija diġitali bbażata fuq t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi ġirien biex jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-progress lejn dan l-iżvilupp; itenni l-importanza ta' kummerċ effettiv u mekkaniżmi għall-iffaċilitar tal-investment bejn l-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha sabiex jissaħħu s-sħubijiet kummerċjali u jagħmluha possibbli li operaturi ekonomiċi, speċjalment l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, ikollhom aċċess adegwat u informazzjoni affidabbli dwar il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u l-investment fil-pajjiżi ġirien;
17. Jenfasizza l-benefiċċji tal-inizjattivi konġunti dwar programmar ta' riċerka mill-UE u l-ġirien tagħha; iħeġġeġ, konsegwentement, l-iżvilupp ulterjuri ta' koordinazzjoni,

kooperazzjoni u sinerġiji fost il-programmi kollha u attivitajiet ta' riċerka fil-livell nazżjonali ffinanzjati minn pajjiżi fuq il-fruntieri tal-Mediterran sabiex tisserdaq il-koerenza ġenerali u l-effettività ta' azzjonijiet ta' riċerka ambjentali fir-reġjun, bħal pereżempju il-programm konġunt ta' riċerka għall-Baltiku (BONUS 169);

18. Huwa konxju tal-kisbiet tal-proġett BSI (l-Interkonnessjonijiet tal-Baħar Baltiku) f'termini ta' ħolqien ta' riċerka reġjonali u netwerk tal-edukazzjoni fir-reġjun usa' tal-Baħar Baltiku, kif ukoll ir-rabtiet tiegħu mal-GEANT, u jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa proġetti fir-reġjun tal-Baħar Baltiku bħal HP-SEE, SEE-GRID, SCENE, CAREN u BSRN;
19. Jistenna b'ħerqa l-proposti tal-Kummissjonui dwar l-Istrument tal-Viċinanza Ewropea l-ġdid, jilqa' l-istandard ta' referenza 'aktar għal aktar' tal-Kummissjoni u jħeġġeġ aktar diversifikazzjoni, flessibilità u kundizzjonalità fl-għoti ta' għajjnuna; iħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' 'loġika orjentata lejn il-pajjiż speċifiku' li tista' tieħu l-forma ta' 'kuntratti ta' sħubijiet differenzjati' fi ħdan il-PEV; jinnota li filwaqt li r-regoli finanzjarji tal-UE jridu jġu osservati bis-sħiħ, l-għajjnuna tal-UE għandha tkun faċilment aċċessibbli u prinċiplament iffokata fuq appoġġ għal proġetti konkreti u inqas konsulenza, u t-ftitxija għall-eċċellenza m'għandhiex tixxekkel minn qafas riġidu;
20. Jemmen li hu importanti li jinstab bilanċ ġust bejn il-viċinati tal-Lvant u tan-Nofsinhar; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tħaffef il-finalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, inklużi l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles profund u komprensiv (DCFTA);
21. Jenfasizza l-bżonn li l-PEV tkun ikkonċeputa mill-perspettiva ta' strateġija makroreġjunali, b'koordinazzjoni fil-livell reġjunali tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri; fil-livell Ewro-Mediterranju tista' tkun żgurata sinerġija bejn strateġija bħal din u l-proġetti multilaterali mnedija fil-qafas tal-Unjoni għall-Mediterran, bħalma huma l-Pjan Solari Mediterranju, is-sikurezza tal-popolazzjoni ċivili, it-toroq marittimi jew l-azzjoni kontra t-tniġġis fil-Mediterran;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.10.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Adam Gierek, Norbert Glante, Jacky Hénin, Edit Herczog, Romana Jordan Cizelj, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Béla Kovács, Philippe Lamberts, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Judith A. Merkies, Jaroslav Paška, Herbert Reul, Jens Rohde, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Niki Tzavela, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Jolanta Emilia Hibner, Sajjad Karim, Bernd Lange, Markus Pieper, Hannu Takkula, Silvia-Adriana Țicău, Catherine Trautmann, Hermann Winkler
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Judith Sargentini

19.10.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat
(2011/2157(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Lena Kolarska-Bobińska

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li l-prinċipji dwar il-kooperazzjoni territorjali japplikaw ukoll għall-fruntieri esterni u huma għodda kruċjali biex jittejbu l-iżvilupp ekonomiku tal-UE kif ukoll l-oġettivi politiċi ġenerali tal-UE dwar il-PEV, li jinkludu l-promozzjoni tad-demokrazija; hu tal-opinjoni li dawn il-miri jistgħu jintlaħqu biss bil-kooperazzjoni kemm tas-soċjetà ċivili kif ukoll tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, sabiex jinstabu modi prattiċi biex jintlaqgħu l-bżonnijiet taċ-ċittadini b'mod konkret u biex tiġi kkunsidrata d-diversità tas-sitwazzjonijiet territorjali fil-pajjiżi tal-PEV filwaqt li jiġu promossi l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-governanza fuq diversi livelli; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha testendi l-approċċ integrat tagħha sabiex tappoġġa b'mod ċar l-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala wieħed mill-pilastru tal-PEV u garanti tal-interess ġenerali;
2. Iqis li l-PEV, sabiex tnaqqas id-differenza tal-iżvilupp u t-tensjonijiet bejn il-komunitajiet transkonfinali, għandha tappoġġa l-proġetti prattiċi permezz tal-awtoritajiet lokali u reġjonali transkonfinali lejn tkabbir sostenibbli u reċiproku, il-koeżjoni soċjali u ekonomika u l-qafas regolatorju ta' negozju b'saħħtu, ħieles mill-korruzzjoni; jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali transkonfinali għandhom jitgħallmu jikkoordinaw u jaqsmu aħjar l-aqwa prattiki tagħhom sabiex jisfruttaw l-oportunitajiet komuni tal-iżvilupp;
3. Jenfasizza l-potenzjal għoli tar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) li jinvolvi reġjuni lil hinn mill-fruntieri esterni; jinkoraġġixxi ftehimiet speċifiċi ma' pajjiżi terzi ġirien fir-rigward tal-introduzzjoni ta' liġijiet nazzjonali li jippermettu strutturi REKT skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom u ftehimiet interstatali li jippermettu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali ta' pajjiżi terzi biex jipparteċipaw fir-REKT;

RR\884916MT.doc

PE469.805v02-00

4. Jenfasizza r-rwol eċċezzjonali tal-Ewroreġjuni għall-ksib tal-obiettivi tal-politika ta' koeżjoni u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tippromwovi u tgħin l-iżvilupp tagħhom, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntieri, sabiex tingħata spinta lir-rwol tal-Ewroreġjuni fi ħdan il-politika tal-PEV;
5. Iqis li l-PEV tal-futur għandha tqis ir-rwol tar-reġjuni l-aktar 'il barra fil-politika tar-relazzjonijiet esterni tal-UE; jinnota li huma jirrappreżentaw opportunità reali biex jinfluwenzaw il-politika esterna tal-UE minħabba li jippermettu lill-UE biex fuq naħa jkollha relazzjonijiet aktar fil-qrib ma' numru ikbar ta' pajjiżi terzi u fuq naħa oħra biex tindirizza l-kwistjonijiet kumplessi bħalma hi l-migrazzjoni irregolari; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdli aktar flessibilità fir-rigward ta' opportunitajiet innovattivi ta' finanzjamenti tal-proġetti magħżula fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni sabiex l-istess proġetti jkunu jistgħu jiġu stabbiliti fir-reġjuni Ewropej u f'pajjiżi terzi u jkunu ta' benefiċċju għalihom;
6. Huwa tal-fehma li l-approċċ il-ġdid tal-PEV għandu jippermetti l-istrateġiji makroreġjonali tal-UE u li l-potenzjal tal-makroreġjuni tal-UE li jinkludu l-pajjiżi ġirien tal-UE għandhom jintużaw bis-sħiħ sabiex jiġu kkoordinati aħjar il-prijoritajiet u l-proġetti ta' interess komuni għall-pajjiżi tal-UE u tal-PEV sabiex jinkisbu riżultati pożittivi b'mod reċiproku u jiġu ottimizzati r-riżorsi investiti;
7. Jenfasizza li l-PEV għandha titqies b'mod ġenerali sabiex jiġi alimentat l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni li huma fruntiera; jenfasizza l-impatt pożittiv li jkun hemm meta jittaffew ir-rekwiżiti tal-viża għall-implimentazzjoni tal-proġetti tal-kooperazzjoni transkonfinali (CBC), għat-traffiku lokali bejn il-fruntieri u l-iżvilupp tas-swieq reġjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' gruppi bħall-istudenti, ir-riċerkaturi, in-negożjanti, l-artisti jew il-ġurnalisti; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tadatta d-definizzjoni ta' 'żona tal-fruntiera' skont il-ħtiġijiet tat-territorji sabiex – meta dan ikun xieraq – jiżdied in-numru ta' nies li għandhom id-dritt li jaqsmu l-fruntiera, li jippermettilhom li jiduru b'mod liberu fir-reġjun tal-fruntiera kollha;
8. Jifhem li d-DĠ tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Reġjonali għandu esperjenza vasta fil-ġestjoni tal-FEŻR u jinsab konvint li jkun fl-interess tal-obiettivi tal-ENPI li jingħata kas il-parir tad-DĠ Regio fir-rigward tal-ġestjoni tal-fondi; għaldaqstant jemmen li l-ġestjoni ta' dawn l-għodod finanzjarji fir-rigward tal-programmi CBC għandha terġa' tgħaddi f'idejn id-DĠ Regio, li fil-passat kien hu responsabbi minnha;
9. Jindika li r-rwol tar-reġuni huwa kruċjali biex jiġu żgurati r-riformi soċjali u ekonomiċi fit-tul u biex jiġi garantit l-iżvilupp sostenibbli; iqis għalhekk, li l-pajjiżi sħab għandhom jimmobilizzaw b'mod attiv ir-riżorsi domestiċi u jinvolvu lis-soċjetà ċivili u lir-rappreżentanti tal-komunità kummerċjali fl-implimentazzjoni ta' proġetti, filwaqt li jitwessgħu r-responsabilitajiet tagħhom bil-ħsieb li jinkisbu riżultati aktar favorevoli;
10. Jemmen li t-tisħiħ tas-Sħubija tal-Lvant se jkun ewlieni għall-iżvilupp tar-reġjuni tal-fruntiera tal-UE; jenfasizza li s-Sħubija tal-Lvant u l-iżvilupp reġjonali għandhom jimxu id f'id u jinkoraġġixxu kooperazzjoni bilaterali u multilaterali, bħall-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, kif ukoll proġetti konġunti finanzjati b'mod xieraq, bħall-iskambji kulturali u dawk tas-soċjetà ċivili;

11. Jenfasizza li l-Proċess ta' Barċellona u l-Unjoni Mediterranja għandhom jingħataw ħajja ġdida b'rabta mal-iżvilupp reġjonali, filwaqt li jiġu inkoraġġiti l-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali, bħall-ftehimiet ta' kummerċ ħieles jew l-iskambji kulturali u tas-soċjetà ċivili, b'mod speċjali fid-dawl tal-avvenimenti inkoraġġanti reċenti li seħħew fl-Afrika ta' Fuq;
12. Jenfasizza li kemm is-Sħubija tal-Lvant u kemm l-Unjoni għall-Mediterran huma vitali għall-iżvilupp reġjonali; jenfasizza li, minkejja li kien hemm avvenimenti politiċi importanti, dawn il-politiki għandhom jiġu trattati b'mod imparzjali, sabiex jiġi żgurat approċċ bilanċjat b'mod xieraq, speċjalment fis-sens finanzjarju u istituzzjonali;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	6.10.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 -: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Catherine Bearder, Jean-Paul Basset, Victor Boştinaru, Philip Bradbourn, Zuzana Brzobohatá, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Brice Hortefeux, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Juozas Imbrasas, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Jan Olbrycht, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Michail Tremopoulos, Viktor Uspaskich, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jens Geier, Lena Kolarska-Bobińska, Maurice Ponga, Elisabeth Schroedter, Patrice Tirolien, Giommara Uggias, Derek Vaughan, Sabine Verheyen

7.10.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat
(2011/2157(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marek Henryk Migalski

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jitlob li jkun hemm distribuzzjoni ekwa u allinjament tal-fondi eżistenti tal-programmi finanzjarji tal-PEV għall-mobilità u l-appoġġ tas-soċjetà ċivili, sabiex iż-żoni tal-Lvant u tan-Nofsinhar igawdu mill-kooperazzjoni esterna tal-UE b'mod ekwilibrat li jirrifletti l-isfidi li huma jiffaċċjaw;
2. Jerġa' jafferma b'qawwa l-konnessjoni bejn, min-naħa, l-iskambju u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati sħab tal-PEV fl-oqsma tal-kultura, l-edukazzjoni u l-isport u, min-naħa l-oħra, il-bini u t-tisħiħ ta' soċjetà ċivili miftuħa, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u t-tixrid tal-libertajiet fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li l-kooperazzjoni reċiproka f'dawn l-oqsma tikkostitwixxi valur miżjud kemm għall-UE, kif ukoll għall-Istati sħab tal-PEV;
3. Japprezza l-programmi eżistenti tal-mobilità tal-UE u l-proġetti reġjonali, u jafferma li, b'mod partikolari, il-programmi tal-UE mmirati lejn iż-żgħażaġh kellhom impatt sinifikanti biex itejbu l-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' taħriġ għaż-żgħażaġh; jissottolinja li l-iskambji kulturali u edukattivi jew il-kooperazzjoni jistgħu jsaħħu s-soċjetà ċivili, irawmu d-demokratizzazzjoni u jippromwovu l-ftehim reċiproku bejn il-popli; jitlob, b'hekk, lill-Istati Membri, biex kemm jista' jkun, jiffaċilitaw l-aċċess għall-edukazzjoni jew għal taħriġ u l-għoti ta' boroż ta' studju fl-UE lill-aħjar studenti mill-Istati sħab tal-PEV;
4. Jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jifitħu l-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi favur il-mobilità, l-edukazzjoni u ż-żgħażaġh (mill-2014) fil-pajjiżi ġirien tal-UE, u b'hekk jippermettu lil dawn il-pajjiżi jipparteċipaw fi programmi bħal dawn;

RR\884916MT.doc

PE469.805v02-00

jistieden lill-Kummissjoni twessa' l-firxa tal-programmi ta' mobilità, inter alia billi tinkludi l-programm ta' skambju maħsub għas-soċjetà ċivili u għall-professjonisti tal-intrapriżi soċjali; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-inizjattivi ta' taħriġ, inklużi l-programmi ta' taġlim tal-lingwa tal-pajjiżi li jmissu mal-fruntiera ta' tagħhom, kif ukoll l-inizjattivi ta' ġemellaġġ maħsuba għall-uffiċjali tas-servizz ċivili;

5. Ifakkar kemm hu importanti li tiġi żgurata r-reċiproċità fil-programmi ta' skambju, b'mod li ż-żgħażaġh mill-UE jkollhom ukoll il-possibilità li jseguw taħriġ fil-pajjiżi tal-PEV;
6. Jenfasizza l-valur miżjud tal-programm Tempus IV fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni u fit-tfittxija tal-modernizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tal-pajjiżi ġirien tal-UE, u jitlob lill-Kummissjoni tipprovdni appoġġ għall-programm fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss;
7. Japprezza l-impatt tal-Università Ewro-Mediterranja u jirrakkomanda d-diffużjoni ta' dan is-suċċess u t-tnedija ta' inizjattiva simili għar-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant;
8. Jenfasizza li wieħed għandu jieħu vantaġġ mill-esperjenzi edukattivi ta' dawk l-Istati Membri li diġà qed jimplementaw il-kunċett tal-Poltika Ewropea tal-Viċinat, inklużi l-inizjattivi bħaċ-Ċentru tal-Istudji tal-Ewropa tal-Lvant ta' Varsavja; ifakkar l-UE u l-Istati Membri, f'din il-konnessjoni, dwar l-importanza tat-tneħħija tal-ostakli għall-moviment ħieles tal-persuni, u jenfasizza l-hteġa li jiġi liberalizzat ir-reġim tal-viżi għall-istudenti u ż-żgħażaġh f'pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li jixtiequ jistudjaw fil-pajjiżi tal-UE; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' viżi mingħajr hlaas għall-istudenti tal-Istati sħab tal-PEV;
9. Jenfasizza l-bżonn li jittejbu s-sinerġiji bejn "Żgħażaġħ Mobbli" u l-PEV, sabiex jiġi żgurat li l-mobilità tal-istudenti bejn l-UE u l-pajjiżi tal-viċinat tkun tista' tibbenefika minn iżjed opportunitajiet, fl-interessi kemm tal-UE kif ukoll taż-żgħażaġh minn dawk il-pajjiżi, u jenfasizza li dan għandu jkun b'mod parallel mal-promozzjoni ta' dan it-tip ta' proġett permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni fil-pajjiżi ġirien tal-Unjoni;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi aktar ftehimiet ta' sħubija fil-qasam tal-mobilità mal-pajjiżi ġirien; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li jeħtieġ li jitqiesu d-distakki tad-dħul li hemm bejn l-abitanti tal-UE u dawk tal-pajjiżi tal-PEV, kif ukoll għandu jitqies b'liema mezzi jistgħu jittejbu l-possibilitajiet ta' boroż ta' studju;
11. Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni biex taġti attenzjoni għall-mobilità tal-istudenti, l-akkademiċi, ir-riċerkaturi u n-negożjanti billi tipprovdni biżżejjed riżorsi u billi ssaħħaħ u twessa' l-programmi ta' boroż ta' studju eżistenti u timplimenta kooperazzjoni strutturata fl-oqsma tal-edukazzjoni oġhla u tar-riċerka, il-promozzjoni ta' skambji bejn l-universitajiet u ta' sħubiji pubbliċi-privati ta' riċerka;
12. Jenfasizza l-importanza tat-tiżiħ, fi ħdan il-qafas tal-PEV, tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-isport fil-pajjiżi konċernati, fir-rigward tal-valur edukattiv tal-attivitajiet sportivi; jitlob lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri jaħdmu favur il-moviment ħieles tal-atletiċi fid-dinja, billi jibdeu b'dawk il-pajjiżi tal-PEV;
13. Iqis essenzjali l-kooperazzjoni internazzjonali, reġjonali u interreġjonali fuq il-bażi ta'

djalogu ġenwin bejn il-kulturi u li tinkludi s-setturi kollha tas-soċjeta' (l-awtoritajiet kulturali, l-istituzzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet); jitlob, f'dan il-kontest, lill-pajjiżi tal-PEV jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Ħarsien u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali;

14. Jemmen li t-trawwim tal-parteċipazzjoni fil-programmi kulturali tal-UE jibbenefika l-iżvilupp materjali u immaterjali fil-pajjiżi tal-PEV, u li l-kultura jista' wkoll ikollha rwol importanti fl-innovazzjoni, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-ispirtu ta' intraprenditorija u l-kreattività; jenfasizza, għalhekk, l-importanza ta' programmi bħall-Media Mundus u ta' proġetti li jitmexxew taħt l-awspiċju tal-Unjoni għall-Mediterran u tal-Programm Kulturali tas-Sħubija tal-Lvant; japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssegwi l-Programm ta' Azzjoni Speċjali Kulturali tagħha u jappoġġa l-ftuħ tal-Programm Kulturali li jmiss (2014-2020) għall-pajjiżi tal-PEV;
15. Ifakkar ukoll li l-proċeduri ta' tressiq ta' proġetti kif ukoll ta' evalwazzjoni u ta' finanzjament għandhom jiġu simplifikati sabiex jiffaċilitaw lis-soċjetajiet ċivili tal-pajjiżi tal-PEV biex jidentifikaw ċarament l-opportunitajiet u jaħtfulhom bit-trasparenza kollha;
16. Ifakkar, barra minn hekk, li l-programmi kulturali u l-programmi ta' mobilità għandhom ukoll ikopru l-mobilità tal-artisti u ta' dawk li qed isegwu studji artistiċi, peress li jippermettulhom jarrikkixxu ruħhom u jipproċedu għal skambji fil-livell kreattiv u kulturali;
17. Hu favur l-istabiliment ta' viża kulturali għall-artisti u għal professjonisti kulturali oħra mill-pajjiżi tal-PEV; jitlob ukoll lill-Kummissjoni tipproponi inizjattiva fuq il-viżi għal żjara qasira, bil-għan li jitneħħew l-ostakli għall-mobilità fis-settur kulturali;
18. Jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jikkoordinaw l-użu strateġiku tal-aspetti kulturali tal-politiki esterni, billi jintegraw il-kultura b'mod koerenti u sistematiku fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni, u billi jfittxu li jkun hemm kumplimentarjetà mal-politiki kulturali tal-Istati Membri;
19. Iħeġġeġ il-valutazzjoni tal-programmi eżistenti bl-għan li jiġi żgurat l-użu effikaċi tar-riżorsi sabiex jintlaħqu l-miri u l-oġettivi tal-UE; jappoġġa r-razzjonalizzazzjoni tal-funzjonijiet interni fi ħdan il-Kummissjoni fir-rigward tal-programmi eżistenti differenti u tal-proġetti li jittrattaw il-kultura u l-edukazzjoni;
20. Jenfasizza l-importanza ta' networks tal-awtoritajiet lokali (partikolarment l-ġemellaġġ tal-bliet), l-atturi pubbliċi tal-UE u l-istati benefiċjarji tal-PEV għaż-żieda tal-iskambju politiku, ekonomiku u kulturali ma' dawn il-pajjiżi; jirrakkomanda għalhekk titjib fil-provvista tal-informazzjoni u appoġġ aħjar lil dawk li għandhom f'idejhom il-proġetti u lill-benefiċjarji tal-fondi tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija; jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' pjattaforom Ewropej ta' skambju ta' informazzjoni u ta' Prattiki tajba;
21. Jenfasizza li l-libertajiet fundamentali li huma l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-istampa, flimkien mad-dritt li persuna tistabilixxi rabtiet u li tikkomunika (elettronikament jew mhux elettronikament), jikkostitwixxu prekundizzjonijiet importanti biex jiġu ggarantiti l-espressjoni, l-iskambji u d-djalogu kulturali; jistieden, għalhekk, immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw u jipromwovu dawn il-

libertajiet, inkluża l-libertà tal-internet, kemm fi ħdan l-Unjoni u kemm barra minnha;

22. Jistieden lis-SEAE jinkoraġġixxi skambju kostruttiv mal-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-PEV u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, inklużi l-atturi kulturali, bil-għan li jissaħħaħ id-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u, b'mod partikolari, jiżgura r-rispett għal-libertà tal-midja u, b'mod aktar ġenerali, għal-libertà tal-espressjoni u għall-aċċess liberu għall-informazzjoni.
23. Jistieden lis-SEAE jappoġġa, fil-livell politiku u finanzjarju, l-isforzi tas-soċjetà ċivili, tal-libertà tal-midja u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi sabiex jintroduċu sistema demokratika u l-istat tad-dritt f'dawk il-pajjiżi kollha tal-PEV fejn qed jinkisru l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem;
24. Jistieden ukoll lis-SEAE jikkundanna l-fatt li r-reġimi ripressivi kulma jmur qed jirrikorru dejjem aktar għaċ-ċensura u l-monitoraġġ tal-internet; jinnota bi tħassib il-proċess ta' restrizzjoni tal-libertà tal-espressjoni u l-fastidju lill-oppożizzjoni, pereżempju fil-Bjelorussja, u jikkundannah; jitlob lill-Kummissjoni tesiġi b'insistenza kostanti l-ħelsien tal-ġurnalisti li jinsabu fil-ħabs;
25. Jenfasizza l-ħtieġa li jinbdew, jitmexxew u jiġu appoġġati programmi kulturali u edukattivi bl-għan li jqassmu u jippromwovu l-valuri bażiċi tad-demokrazija, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-minoranzi, u jinnota li dawn il-programmi għandhom ikunu aċċessibbli għall-individwi, kif ukoll għall-istituzzjonijiet kulturali u edukattivi fil-pajjiżi tal-PEV;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.10.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdi Cristiano Allam, Maria Badia i Cutchet, Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Jean-Marie Cavada, Santiago Fisas Ayxela, Mary Honeyball, Cătălin Sorin Ivan, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Marek Henryk Migalski, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Chrysoula Paliadelis, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Hannu Takkula, Sampo Terho, László Tőkés, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Heinz K. Becker, Ivo Belet, Luigi Berlinguer, Nessa Childers, Seán Kelly, Iosif Matula, Georgios Papanikolaou
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jacky Hénin

18.10.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat
(2011/2157(INI))

Rapporteur għal opinjoni: H el ene Flautre

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li  ejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jikkunsidra bħala essenzjali li l-UE tappo ga bis-shi , permezz tal-politika tal-viċinat riveduta tagħha, l-aspettattivi ta' dawk li qed ji gieldu għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il- ustizzja soċjali u d-drittijiet tal-bniedem, u jenfasizza li l-mobilit  hi element importanti ta' din l-istrateġija tal-viċinat  dida; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-UE tappo ga bis-shi  il-proċess ta' demokratizzazzjoni billi ttipprova mhux biss appo g  manitarju iżda wkoll assistenza għar-riformi politiċi, soċjali, ekonomiċi u kulturali;
2. Ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' 'non-refoulement' u jagħmlu kull sforz biex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' sistema tal-asil tal-UE li tkuna cessibbli,  usta u li toffri protezzjoni;
3. Jemmen li r-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) toħloq opportunit  għall-UE biex b'mod effettiv twettaq l-o jettivi tagħha u tirrispetta l-valuri tagħha stipulati fl-Artikoli 2, 3, 6, 8 u 21 tat-TUE;
4. Jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni jistabbilixxu djalogu strutturat mal-awtoritajiet tal-pajji  terzi sabiex ji viluppaw approċ  favorevoli għal kulħadd għal mobilit , jiffaċilitaw il-formalitajiet tal-vi , jagħmlu aktar u u mill-o portunitajiet li joffri l-Kodiċi Komunitarju dwar il-Vi  u ja dmu għal-liberalizzazzjoni tal-vi  u għall-evalwazzjoni tal-isħubiji tal-mobilit  eżistenti, filwaqt li jiffukaw b'mod partikolari fuq l-effetti tal-interdipendenza bejn l-ghajjnuna għall-i vilupp, is-sigurt , il-migrazzjoni regolari u l-migrazzjoni irregolari kif iddefiniti fl-Approċ  Globali għall-Migrazzjoni; jitlob li tingħata attenzjoni speċjali biex ikun  ġurat li l-pajji  msieħba ma jsofrux minn 'e odu tal-im u ';

RR\884916MT.doc

PE469.805v02-00

5. Jitlob lill-Istati Membri u lill-UE jirratifikaw il-Protokoll kontra t-Traffikar Illegali tal-Migranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru (il-Protokoll ta' Palermo), li jikkumplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali; iqis li r-rieżami tal-PEV għandu jiffaċilita l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi f'dawn l-oqsma; jaqbel mal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tal-migrazzjoni għal raġunijiet ta' familja, u jilqa' l-Green Paper li se toħroġ dwar din it-tema;
6. Hu tal-fehma li hu essenzjali, bħala parti minn strateġija fit-tul koerenti, li jiġu analizzati l-kawżi b'għeruq fil-fond tal-flussi migratorji sabiex naslu għal risponsi aktar xierqa fir-rigward tad-dritt għall-mobilità;
7. Jitlob lill-UE ttejjeb l-aċċessibilità u l-allokkazzjoni ta' fondi tal-UE fi proġetti mmirati li jinformatu l-migranti dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom u li jipproteġu d-drittijiet tagħhom, b'referenza partikolari għad-drittijiet ta' minorenni mhux akkumpanjati, in-nisa u gruppi vulnerabbli oħra; għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni tipprova lill-Parlament b'rapport dettaljat dwar l-użu ta' fondi tal-UE maħsuba għal pajjiżi ġirien, fosthom dawk tal-programm tematiku tal-Kummissjoni għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u tal-asil;
8. Jappoġġa bil-qawwa l-approċċ tas-sħubija mas-soċjetajiet u jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni u lill-Viċi President/ Rappreżentant Għoli jiżviluppaw mekkaniżmi biex jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tiegħu, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' mekkaniżmu li jinvolvi s-soċjetà ċivili fid-definizzjoni tal-oġġettivi u tal-parametri referenzjarji u fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-ftehimiet kollha mal-imsieħba, billi jżommu djalogu trasparenti dwar kwistjonijiet tal-ĠAI mal-awtoritajiet eletti demokratikament u mal-parlamenti nazzjonali, u billi jtejbu l-iskrutinju demokratiku tal-Parlament fil-mekkaniżmi, id-djalogi u l-ftehimiet kollha rigward il-migrazzjoni;
9. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Kunsill biex b'mod urġenti jindirizza l-kriżi tar-refuġjati billi jwettaq inkjesta dwar in-nawfraġji ta' persuni maħruba bid-dgħajjes u każijiet relatati fejn ma nġhatatx assistenza fil-baħar, b'kooperazzjoni mal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, billi jitolbu lill-Istati Membri tal-UE jipubblikaw il-ftehimiet konklużi ma' pajjiżi terzi, billi jipprova appoġġ lill-pajjiżi kkonċernati u, b'mod partikolari, billi jesploraw il-possibilità li jinħolqu kurituri umanitarji u jitkomplew bla ebda dewmien in-negozjati tal-Programm Konġunt dwar ir-Risistemazzjoni tal-UE; jitlob lill-Istati Membri, bi sħubija mal-UNHCR, biex joffru risistemazzjoni lir-refuġjati li ħarbu mil-Libja li għadhom maqbuda fil-kampijiet fil-fruntieri tat-Tuneżija u tal-Eġittu u li l-ħajja tagħhom tkun fil-periklu jekk imorru lura l-Libja minħabba l-abbużi li qed issewju kontra l-popli sub-Saħarjani; jitlob lill-Kummissjoni tiċċara ċ-ċirkostanzi preċiżi li fihom Stati Membri suġġetti għal 'influss sproporzjonat ta' persuni spustati' ikunu jistgħu igawdu mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jiżguraw li jkun hemm segwitu tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu 'Evalwazzjoni tal-Ftehimiet ta' Riammissjoni tal-UE', b'mod partikolari rigward ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet tali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.10.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Rita Borsellino, Simon Busuttil, Philip Claeys, Carlos Coelho, Tanja Fajon, Hélène Flautre, Kinga Gál, Kinga Göncz, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Sophia in 't Veld, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Véronique Mathieu, Claude Moraes, Jan Mulder, Georgios Papanikolaou, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Rui Tavares, Kyriacos Triantaphyllides, Axel Voss, Auke Zijlstra
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Anna Maria Corazza Bildt, Dimitrios Droutsas, Ana Gomes
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Albert Deß, Mikael Gustafsson, Gabriele Zimmer

25.10.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat
(2011/2157(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Andrew Duff

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jappoġġa l-konsolidazzjoni fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) ta' linji ta' politika tal-UE rigward politika barranija u ta' għajnunha li qabel kienu separati; ifittex network imsaħħa ta' arranġamenti istituzzjonali li jkun stabbli, ekonomiku u ddedikat bl-għan li jiżviluppa integrazzjoni ekonomika u assoċjazzjoni politika eqreb fost daww kollha involuti, inkluż l-allinjament tal-valuri fi ħdan il-fora internazzjonali kollha, speċjalment tan-Nazzjonijiet Uniti, ma' daww tal-Unjoni Ewropea;
2. Jenfasizza l-importanza tad-deċentralizzazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat bil-ħsieb li jkunu involuti b'mod aktar sħiħ is-soċjetajiet tal-pajjiżi konċernati; jilqa', għaldaqstant, l-impenn tal-Kummissjoni favur it-twaqqif ta' sħubijiet mas-soċjetajiet permezz ta' strumenti bħall-Faċilità għas-Soċjetà Ċivili;
3. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tevita d-duplikazzjoni, tikkonċentra fuq kwistjonijiet strateġiċi fi ħdan il-fora multilaterali tal-PEV u tuża kuntatti sottoreġjonali u bilaterali għal proġetti ta' investiment u programmi ta' kooperazzjoni speċifiċi; jitlob li jkun hemm użu aħjar tal-istrumenti finanzjarji eżistenti sabiex il-potenzjal tagħhom jiġi sfruttat bl-aħjar mod; jenfasizza l-importanza tal-istabbiliment ta' sħubijiet sottoreġjonali effikaċi fi ħdan ir-reġjun Mediterranju aktar wiesa' u li jsiru sforzi simili għas-Sħubija tal-Lvant;
4. jagħraf l-isfidi li qed tiffaċċa l-Unjoni għall-Mediterran, li s'issa għadha ma wettqitx il-missjoni tagħha u ma tatx kontribut għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fir-reġjun Mediterranju aktar wiesa'; jappoġġa l-proċess attwali tat-tnedija mill-ġdid tagħha u jenfasizza, fl-istess ħin, li għandu jkollha rwol importanti fil-proċess ta' demokratizzazzjoni li beda fix-xatt tan-Nofsinar tal-Mediterran; jikkunsidra li t-tali proċess jitlob attenzjoni u impenn akbar

RR\884916MT.doc

PE469.805v02-00

mill-Unjoni, u għandu jinkludi wkoll azzjonijiet għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali; jitlob, għalhekk, li ssir reviżjoni tal-istrutturi eżistenti għall-kooperazzjoni reġjonali u li dawn jiġu adattati għall-ħtiġijiet li rriżultaw mis-sitwazzjoni l-ġdida, filwaqt li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tas-SEAE; jinsisti b'mod partikolari dwar l-inkorporazzjoni sħiħa tal-parti Ewropea tas-sħubija fil-qafas konvenzjonali tal-UE taħt l-awspiċju tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;

5. Jenfasizza li minkejja l-isfidi, id-dimensjoni parlamentari tibqa' komponent essenzjali tal-PEV, peress li tiffaċilita l-iskambji tal-esperjenza kif ukoll tal-opinjoni, fejn it-tnejn li huma, huma importanti għall-parlamentariżmu tal-pajjiżi konċernati; jirrakkomanda li sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb ta' din id-dimensjoni, il-modalitajiet prattiċi tal-EuroNest u l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja jiġu vvalutati b'mod sistematiku bl-għan li jitjiebu kull fejn ikun possibbli;
6. Jilqa' l-fokus il-ġdid tal-PEV dwar il-Bini Komprensiv tal-Istituzzjonijiet; japprezza li jkun u ċċarati aktar il-kontenut u r-relevanza tad-differenzjar bejn l-istati tal-PEV fil-kategorija ta' 'status imsaħħa';
7. Jirrakkomanda separazzjoni ċara bejn il-funzjonijiet intergovernattivi u nongovernattivi rispettivi tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija, li għandhom jikkomplementaw 'il xulxin; jinnota l-ħtieġa ta' metodi veloċi u flessibbli ta' sponsorjar tal-UE għall-appoġġ tas-soċjetà ċivili pluralistika, inklużi l-partiti politiċi demokratiċi, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' demokrazija profonda, stabbli u sekulari;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.10.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Andrew Henry William Brons, Carlo Casini, Andrew Duff, Roberto Gualtieri, Zita Gurmai, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, David Martin, Paulo Rangel, György Schöpflin, József Szájer, Rafał Trzaskowski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sandrine Bélier, Zuzana Brzobohatá, Marietta Giannakou, Helmut Scholz, Alexandra Thein

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.11.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 57 -: 0 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriele Albertini, Pino Arlacchi, Bastiaan Belder, Elmar Brok, Arnaud Danjean, Mário David, Michael Gahler, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Othmar Karas, Ioannis Kasoulides, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Sabine Lössing, Ulrike Lunacek, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñoz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pötering, Cristian Dan Preda, Fiorello Provera, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Marek Siwiec, Hannes Swoboda, Kristian Vigenin, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Charalampos Angourakis, Véronique De Keyser, Andrew Duff, Göran Färm, Hélène Flautre, Roberto Gualtieri, Doris Pack, Helmut Scholz, György Schöpflin, Alf Svensson, Traian Ungureanu, Ivo Vajgl
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marije Cornelissen, Rui Tavares, Ramon Tremosa i Balcells